Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru. 6 April-Ġunju 2010 40c

## Xellug magħqud

***"Xellug magħqud qatt ma jitlef u meta Xellug jkun maqsum jitlef dejjem."***

*- **President Allende**, Cili 1970/73*

*Dan il-kliem ta' Allende jislet ħafna tifsiriet għall-politika ta' llum fejn fil-qasam tax-xellug qed iseħħu żviluppi ġodda u nteressanti għal min iħaddan politika xellugija u soċjalista. Jekk tħares lejn l-iżviluppi li qed jseħħu fil-Germanja bi Die Linke, il-Portugal bil-Left Bloc, Franza bi New Anti-Capitalist Party of France, l-Italja bil-koalizzjoni ta' partiti komunisti, issib li dak ix-xellug li hu wieħed distint mis-soċjal demokrazija qed jirnexxilu jikseb riżultati tajbin. Dan il-moviment qiegħed kullma jmur dejjem jikber u qed jkun ta' xprun sabiex ix-xellug li hu ffurmat minn diversi partiti, movimenti u trejdjunjins, jingħaqdu flimkien bi programm magħqud u ċar għalkemm b' ideoloġiji differenti.*

*Fil-każ ta' Die Linke (Ix-Xellug) fil-Ġermanja li jħaddan fih diversi organizzazzjonijiet, movimenti u partiti tax-xellug ħarġu bi programm magħqud u ċar favur l-introduzzjoni tal-paga minima, titjieb fil-ġustizzja soċjali u welfare state, taxxi fuq is-sinjur, irtirar ta' suldati mill-Afganistan u tnaqqis ta' CO 2 għal 90% sa 2050. Filfatt Die Linke għamel kisbiet sodisfaċenti u żgur ser jkun ta' xprun sabiex Soċjal Demokratiċi jbiddlu l-politika neoliberali li qed jħaddnu għal waħda soċjalista xellugija.*

*L-istess il-Left Bloc ġewwa l-Portugal li jħaddan fih diversi partiti u movimenti tax-xellug rnexxilu jagħmel kisbiet sodisfaċenti. Hawn minn isejjaħlu 'pluralist party of the socialist left'. Dana ħareġ bi program ukoll magħqud u ċar favur l-użu pubbliku fil-produzzjoni ta' enerġija u ilma u l- immodernizzar u t-trasformazzjoni tas-servizz nazzjonali tas-saħħa li jibqa' wieħed pubbliku.*

*L-istess Anti Capitalist Party ffurmat fi Frar ta' 2009 minn sitt fazzjonijiet differenti ta' partiti u movimenti xellugin u ser jikkontesta għall-ewwel darba l-elezzjoni ta' 2010 li ġejja. L-istess dawn qed jaħdmu biex joħorġu bi programm magħqud u ċar għall-elezzjoni.*

*Dawn huma uħud mill-iżviluppi li qed jiżviluppaw fil-kamp xellugi kontra l-politika neoliberali fejn nies mill-movimenti, trejdjujins, partiti*

Ikompli f'paġna 8

***Ġewwa ...***

**Intervista ma' Tony Zarb, Segretarju Ġenerali tal-GWU**

**Diskussjoni: il-Welfare State**

**Kitbiet minn ...**
**Michael Briguglio**
**Mary Anne Zammit**
**Victor Degiovanni**
**Alfred Consiglio**
**David Carabott**

# Xogħol prekarju - liġi tal-ġungla

Fil-preżent fl-Unjoni Ewropeja għaddejja strateġija sabiex is-suq tax-xogħol isir aktar flessibli. Il-Blokk tax-Xellug Magħqud, il-Ħodor, partiti soċjalisti bħal ta' Franza u l-Federazzjoni ta' Trejdujins Ewropej isejħu din l-istrateġija 'labour market deregulation'.

Fl-Unjoni Ewropea l-politika neoliberali qed tipprevali fuq dik Soċjali. Waħda mir-raġunijiet ta' dan hi li l-maġġoranza tal-pajjżi Ewropej huma mmexxija minn Gvernijiet ċentru lemini li fuq livell Ewropew qed jimbuttaw il-quddiem l-ideoloġija neo-liberali. Il-Presidenza ta' Barroso ukoll lagħbet parti mportanti sabiex l-politika neoliberali ssir parti ntegrali fit-tħaddim tas-suq ekonomiku wieħed Ewropej.

Is-soċjalisti Ewropej kellhom iċ-ċans b'maġġoranza assoluta jagħtu vot ta' sfiduċja lill-Presidenza ta' Barroso. Imma dan ma ġarax għax il-maġġoranzatas-soċjalisti u l-popolari Ewropej ivvutaw mill-ġdid favur il-Presidenza ta' Barroso għall-ħames snin li ġejjien.



Waħda mill-proposti tal-Kummissjoni Ewropeja hu li x-xogħol b'kuntratti isir aktar flessibli. Din il-manuvra li qed tidħol fis-seħħ qed thedded l-istabbilitá tal-maġġoranza tal-ħaddiema fl-Ewropa, fejn Malta mhix eċċezzjoni u għalhekk il-ħaddiema Maltin li, sa llum, il-maġġoranza jgawdu minn impjieg full-time u stabbli, ser jintlaqtu wkoll. Bil-manuvra tal-flessibilitá kif identifikata mill-Kummissjoni se jinħoloq suq tax-xogħol mibni fuq 'hire and fire' ta' kuntratti qosra, part-time, agency workers li joffru servizz u self employed. Sabiex jintlaħaq dan il-għan mill-kapitalisti Ewropej, il-ħaddiema disponibbli se jkunu ddixxiplinati ***'b'workfare policies'*** li jġiegħlhom jaċċettaw kull tip ta' xogħol, anke jekk hu wieħed prekarju.

F'Malta, filfatt din it-trend dieħla ukoll. Il-ħaddiema tal-Maltapost diġá qegħdin jesperjenzaw fir-rejaltá din it-trend bl-inklużjoni ta' ħaddiema ġodda b'kuntratti qosra. L-istess jista' jingħad għall-ħaddiema żagħażagħ li qed jiġu mħaddma fis-suq ta' telekomunikazzjoni bħala self employed, mingħajr paga, ħlief 'commission' fuq il-bejgħ tal-linji ċellulari, b'sigurtá u futur ta' xejn. Il-maġġoranza tal-ħaddiema b'impjieg part-time bħala l-uniku sors ta' dħul huwa ddominat min-nisa, settur li huwa klassifikat bħala prekarju fejn il-kundizzjonijiet huma nferjuri. Dan hu kollu prodott ta' politika neoliberali mibnija fuq il-prekarjetá.

L-iskuża li jużawlek biex jiġġustifikaw din in-'new trend' hi li hemm opportunitajiet ġodda u vasta ta' taħriġ. It-taħriġ, naħseb li kulħadd jaqbel li hu ħaġa tajba, imma ma għandux jiġi użat biex jiġġustifika u jsostni l-ħolqien ta' xogħol prekarju, anzi bil-kuntrarju t-taħriġ għandu jgħin biex tissaħħaħ l-istabbilitá fuq il-post tax-xogħol, titjib fil-kundizzjoni tal-ħaddiem f'dawk li huma paga, benefiċċji u saħħa u sigurtá fuq il-post tax-xogħol. Il-Prekarjetá bħala kunċett hi l-oppost ta' dawn il-benefiċċji kollha.

Għalhekk tintuża, għax tiffavorixxi l-kapitalist u tnaqqas is-saħħa tal-Unjins u l-ftehim Kollettiv.

Ħafna opinjonisti u għaqdiet soċjali mhux qed jirrealizzaw din it-theddida ġdida fuq il-klassi tal-ħaddiema. Ix-Xellugin fl-Ewropa jsejħu din manuvra tal-flessibilitá, li hi anke proġettata fl-Aġenda ta' Lisbona għal Ewropa iktar kompetittiva, bħala għodda biex tiddaħħal ***'flexploitation'*** minflok ***'flexicurity'.***

F'Malta qed tiġi mħaddma ***'flexploitation'***. L-MCESD u MUESAC għandhom jagħtu każ ta' dan u mhux jibqgħu jgħaddsu rashom ġor-ramel u jilgħabuha li qishom ma jafux biha din.

Iċ-Ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Ħaddiem għandhom jibgħatu mesaġġ ċar favur ***'Good Quality Work',*** Xogħol Stabbli u ta' kwalitá jew hawn minn juża terminu ieħor ma' dan, li hu ***Green Jobs***, fejn il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, il-parteċipazzjoni f'unjin, pagi diċenti, saħħa u sigurtá fuq ix-xogħol, kif ukoll miżuri favur ix-xogħol u l-familja jiġu meqjusa bħala miżuri minini ta' protezzjoni soċjali jekk irridu li l-ħaddiem Ewropej jaċċetta u jħossu parti mill-Unjoni Ewropea.

Id-dritt tal-ħaddiem li jissieħeb f'Unjin għandu jissaħħaħ, kif ukoll il-prekarjetá, jew f'kelma oħra **'atypical work',** għandha tiġi mrażżna. Dana jgħin ukoll lill-ġenerazzjoni żagħżugħa sabiex ikollha qafas legali ta' protezzjoni soċjali fil-bidu tal-karriera tagħhom fid-dinja tax-xogħol.

Iż-żagħżagħ fil-preżent huma wieħed mill-gruppi ta' nies, flimkien ma' nisa u emigranti li l-aktar li qed jesperjenzaw sfruttament fuq il-postijiet tax-xogħol. Bħala Xellugin u Ħodor dan l-aġir mhux permessibli u għalhekk nemmnu f'politika Xellugija li hi t-triq il-quddiem favur Ewropa Soċjali u Ekoloġika.

Is-Segretarju Ġenerali ta' l-ETUC ,John Monks, appella għal darba, tnejn biex it-Trejdujins Maltin jiffurmaw Kunsill ta' Trejdujins Maltin. Nemmnu li l-problema ta' xogħol prekarju għandha tkun spunt biex tgħaqqad lit-Trejdujins Maltin kontra l-isfruttament li qed kull ma jmur jiżdied f'kull settur tax-xogħol, imma l-aktar dak tal-kostruzzjoni, servizzi, ta' ikel u divertiment.

Il-Unjins għandhom jimmilitaw flimkien għal ***xogħol aħjar, ta' sigurtá u ta' kwalita u sabiex il-ftehim kollettiv jissaħħaħ mhux jiddgħajjef.***



# Ix-Xellug u l-kriżi ekonomika

*minn Alfred Consiglio*

Kif inbidlu ż-żminijiet! Għal tletin sena smajna li s-suq ħieles ma seta' jagħmel ebda għelt, imbagħad f'daqqa waħda kollox inbidel, u l-intervent mill-istat sar twemmin ta' fejda għal xi wħud. Il-lemin ikkonverta bħal ma għamel Pawlu ta' Tarsu. Issa l-prudenza qed narawha tiddandan u xxejjer l-argumenti Keynesisti tagħha fuq il-palk dinji, tappoġġa l-idea ta' intervent mill-istat fuq skala massiva. Kif il-politiċi tal-lemin, ħelu ħelu, iżżerżqu minn prinċipji lejn oħrajn billi lanqas waqfu ftit biex jaġġustaw il-kejlijiet morali tagħhom.

Ix-xellug soċjal demokratiku qed iħoss li wasal żmienu. Ix-xellug qed jaħseb li sebħ ġdid xellugi qiegħed qribna u jurina u jsejjħilna lejn art kollha ward u żagħar, u ħafna qed jistennew li l-forzi tajba ta' intervent statali sa jiġġieldu kontra l-qawwa dejjem tnin tas-suq ħieles kattiv.

Iżda veru li l-lemin favur is-suq ħieles spiċċa? Tgħaġġilx. Aħna li ma ffanfrajnix bir-riżultat tal-elezzjoni Amerikana għandna naħsbu ftit qabel ma nipproklamaw li lħaqna s-sema. Ix-xellug m'għandux jaħseb li x-xalata ta' nfiq mill-istat hija mmirata li telimina l-faqar aktar milli ssalva l-kapitaliżmu. Għal snin smajna l-istess formula maġika li m'hemmx alternativa. Huwa biss meta l-kapitaliżmu huwa mhedded li f'daqqa jinstabu l-miljuni biex isalvaw is-sistema u mhux biex jeliminaw l-inġustizzji.

Għalhekk ejja ma nkunux boloh u nemmnu l-ħmerijiet li qed naraw it-tmiem taż-żmien Thatcherist ta' suq ħieles. L-istat mhux sa jonfoq il-miljuni ta' flusna biex inawwar is-suq ħieles, iżda aktar biex isalvah. Jista jkun li dan jinvolvi li jinvesti flus għal dawk anqas sinjuri, iżda dan ma għandux x'jaqsam mal-faqar. Hija parti minn strateġija aktar wiesa' mmirata li tqawwi d-domanda malajr kemm jista jkun matul il-kriżi kurrenti.

Meta l-kapitaliżmu jisfronda, l-istat jintervjeni billi jferrgħa flus u jimponi regolamenti akbar. Hekk kif il-periklu jgħaddi, il-forzi tas-suq ħieles jitħallew jirromblaw. Hekk kif il-kapitaliżmu joħroġ mill-ħama li jinsab fih, ix-xalata ta' nfiq tieqaf. Imbagħad minn sa jħallas għal dak l-infiq kollu? Żgur mhux is-sinjuri. It-taxxi jiżdiedu għall-ħaddiem u s-sinjuri jeħilsuha lixxa.

Ix-xellug m'għandux jibqa joħlom li l-istat paternalistiku jintervjeni fil-kapitaliżmu fl-interess tal-ħaddiema. Bħala ħaddiema għandna ninjoraw dawn il-fantasiji u nikkonċentraw f'li norganizzaw u nikkonfrontaw lil kapitaliżmu u l-ħbiebu l-konservattivi.



## Laqgħa ma' l-Ambaxxatur ta' DPRK

Nhar il-Ġimgħa 15 ta' Jannar delegazzjoni mill-Partit Komunista Malti komposta minn Victor Degiovanni, Segretarju tal-Kumitat Ċentrali u David Cushchieri, membru tal-Kumitat Centrali, iltaqgħet ma' l-Ambaxxatur tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. L-Eċċelenza Tiegħu Han Tae Song li kien akkumpanjat minn Kim Hyo Sik, Kunsiller, fejn ġew diskussi affarijiet ta' interessi bilaterali.

Kif ukoll ġew mogħtija l-aħħar żviluppi dwar it-taħdidiet bejn 6 pajjiżi dwar it-tneħħija ta' l-armamenti nukleari mill-peninsula Korejana. Li sa issa jinstabu weqfin minħabba l-fatt li l-Istati Uniti ma tridx tneħħi l-armamenti tagħha installati fil-Korea t'Isfel, u dwar il-proposti ġodda tad-DPRK dwar l-armistizzju li qed jiġi diskuss illum 50 sena wara l-waqfien tal-Gwerra tal-Korea. Fejn id-DPRK qed tipproponi li dan jinbidel fi trattat ta' Paċi. Preżenti kien hemm ukoll John Zammit u Jean Pierre Sammut mill-Għaqda ta' Ħbiberija ma' l-Korea

Il-Partit Komunista Malti ħareġ ukoll stqarrija ta' appoġġ għall-proposti ta' 11 ta' Jannar mressqa mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea fejn laqgħet dawn il-proposti bħala pass il' quddiem għal denuklijarizzazzjoni tal-Peninsula Koreana kollha. Il-Partit Komunista Malti jara l-proposta li l-ftehim ta' Armistizzju jinbidel fi trattat ta' paċi bhala pass il'quddiem sabiex jinbnew miżuri ta' fiduċja li huma nieqsa mit-taħdidiet li saru s'issa minħabba nuqqas ta' fiduċja min-naħa ta' l-Istati Uniti u pajjiżi oħra nvoluti f'dawn it-taħdidiet, kif ukoll appellat lill-Istati Uniti sabiex tilqa' l-proposta Koreana sabiex ikun hemm tisħiħ ta' sigurtá u Paċi sabiex tonqos it-tensjoni fil-peninsula Korejana.

## *Ittri lill-Editur*

# Tweġiba lil Gejtu Vella

F'intervista li dehret fl-aħħar ħarġa ta Żminijietna, s-segretarju tal-UHM, Gejtu Vella, stqarr li ma jaqbilx li jkollna TUC f'Malta, għax TUC li ma tkunx fi żmienha, ma tkunx fl-interess tal-ħaddiema. Ma din il-fehma li żgur mhix maġġoritarja fil-kamp trejdunjonistiku, s-sinjur kompla jgħid li " mhux ta ġid għall ħaddiema li l-unjins jitkellmu b'ton wieħed".

Ħasra li uffiċjali għolja ta' waħda mill-akbar unjins Maltin, għandhom dawn il-fehmiet li huma kuntrarji eżatt tal-motto tal-unjins, "fl-għaqda s-saħħa". Ma nistgħux ma nirreżiztux dawn l-idejat, li qegħdin jgħollu l-barrikata li ilha ħafna tifred lill-ħaddiema Maltin.

Ma nixtiequx nibqgħu bl-istatus quo, b'xi unjin mill-kbar tkun pupazz ta' partit politiku, li taħdimlu b'tattika ħalli jirbaħ meta jkun fl-oppożizzjoni, biex tkun il-favorita tiegħu meta jieħu l-gvern. Ma rridux inkomplu naraw ħaddiema tas-servizz ċivili jaċċettaw kundizzjonijiet inferjuri b'fedeltá lejn il-gvern li jaqsam il-ħakk tad-dahar mal-unjin tagħhom, u b'impika ma sħabhom tal-unjin l-oħra tal-maġġoranza.

Niddeploraw il-ħajja f'ċaqlembuta, fejn ħaddiema membri ta' unjin jieħdu favuri nġustament, waqt li sħabhom ta unjin oħra jsofru nġustizzji, skond ir-relazzjoni tal-unjins rispettivi mal-gvern tal-ġurnata. Jisgħobbina għat-taqtiegħ il-qalb li jbatu l-ħaddiema bil-ħajja taħt il-pressjoni tad-dipendenza fuq l-intriċċi li jsiru fl-arena politika. Nistmerru s-sistema kurrenti, fejn unjin ta' minoranza tiffirma ftehim mal-gvern li jippreferiha, avolja tkun taf li l-unjin li tirrappreżenta lill-maġġoranza f'dak il-post tax-xogħol ma taqbilx ma' dak il-ftehim. Ma naqblux mal-prattika misħuta, fejn il-gvern ikollu alleanza moħbija ma' unjin kbira, li qabel kollox, tikkundizzjonalu l-membri tagħha għall-politika tiegħu, biex isserraħlu rasu minn poter sod bl-appoġġ meħtieġ tal-qasam industrijali.

Dan l-isfond tal-ħajja attwali tal-ħaddiema fil-maġġoranza tal-postijiet tax-xogħol f'Malta, jispjega r-raġuni għal ilment tas-segretarju, li "il-gvern tal-lum ma wettaq xejn mill-commitment li kellu mal-UHM rigward ix-xogħol prekarju". Min jiċħad li dak in-nuqqas ta' rispett mill-partit fil-gvern, jista jkun riżultat tal-ħbiberija żejda f'livell ta' kunfidenza min-naħa tal-poter, li tippretendi appoġġ għama f'kollox tan-naħa l-oħra ? L-aqwa turija ta' din l-eventwalitá ta dieqa, dehret bl-appoġġ li kienet tat il-UHM kontra l-gvern fil-kwistjoni tas-sopratassa tad-dawl/ilma.

Ħadet sehem mal-unjins kollha Maltin fil-protesta nazzjonali, u wara jumejn irtirat l-appoġġ lill-għaqda, u qablet mal-gvern. Għalkemm qatt ma nikkritika unjin fil-media, bir-rispett kollu ngħid li dak l-atteġġament iqanqal il-fehma li l-attitudni li lmenta minnha s-segretarju, l-gvern wasal jgħaliha għax kunfidenti li l-UHM hija obbligata lejh talli ppreferiha f'postijiet tax-xogħol bħall-freeport, dipartiment tas-saħħa, u l-ajruport, fejn il-maġġoranza tal-ħaddiema huma rappreżentati minn unjin oħra akbar minnha.

Ninsabu f'qagħda ta' ħaddiema mdgħajfin b'din il-qasma, waqt li l-gvern għandu setgħa msaħħa bil-politika ta' "Ifred u Saltan". Jista jimponi kull deċiżjoni għax b'din il-firda pikuża dejjem għandu grupp kbir biżżejjed ta' ħaddiema, biex iżomm il-pajjiż miexi b'ritmu li jidher itaffi l-effett ta' xi protesti li jista' jagħmillu l-grupp l-ieħor tan-nies tax-xogħol.

F'din il-qagħda tal-mistħija jinsab il-ħaddiem Malti fin-nuqqas ta' TUC li tgħaqqad lill-ħaddiema u lill-unjins kollha tal-pajjiż, biex bl-akbar saħħa loġika u psikoloġika jieqfu lil kull sid u lill-gvern, għad-drittijiet tagħhom ilkoll. L-istorja tirreġistra diversi twissijiet għal min jippriedka li ma jkunx żmien it-TUC, f'perjodu li jkun jinsab komdu ma' gvern li miegħu iħawwel hu a-skapitu tal-kumplament li jibqgħu jsaffru. Kemm se ndumu naċċettaw perjodi degradanti bħal dawn fl-istorja trejdunjonistika Maltija ?

**A. Pert, Birkirkara**

# The End Days

In the lead up to the Copenhagen climate talks, an international panel of scientists released a report showing that we are well on the way to six degrees or more of global warming within the next 100 years, on the upper bound of climate model predictions under business-as-usual scenarios. Such a rapid temperature shock has no parallel on earth. Most species and ecosystems cannot adapt to it.

The report paints a grim picture of what this means. By 2100 most of the world's life, and most humans, will have disappeared. The few remaining human survivors will live in competition for scarse resources near the poles. No doubt, there will be violence along the way.

As I contemplate our inaction on climate change despite this knowledge, I feel depressed and genuinely afraid. We simply do not, yet, have the collective sense of urgency that is needed to tackle this huge and very real problem. If science is so clear, do policy makers and media simply disbelieve it, or are they unaware?

What more do they need to know? Who else needs to tell it to them? Is it possible that they are knowingly taking us down this path?

Even on the left there is a tendency to see this as one issue among many, or as an opportunity to push for redistributive "green growth" agendas. Some see it as chance to challenge capitalism and colonialism, which, to be sure, it is.

The issue is fundamental, in important senses: we must address it or all other issues are irrelevant. And to address it we must fundamentally abandon growth economics. There cannot be indefinite accumulation in a finite system. That means we have to accept that we are both redistributing and averaging down. Do we, as human societies, have the capacity to do that?

**Sammy Camilleri,**
Mississauga, Canada

## ABBONAMENT GAZZETTA ŻMINIJIETNA

***ISEM*** ____________________________________________

***INDIRIZZ*** ____________________________________________

***KODIĊI POSTALI*** ____________________________________

***Email*** ____________________________________________

***Ghal sena (5euro)*** ***Sentejn (10euro)***

**Ibaghtuha f'dan l-indirizz: 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta. VLT1432.**

*Editorjal*

# Il-ħatja m'humiex il-ħaddiema

Il-kriżi kapitalista għadha għaddejja, aktar fabbriki qegħdin jagħlqu, aktar ħaddiema qegħdin jitilfu l-impieg, aktar għawġ u miżerja għal min jgħix bil-paga jew bil-pensjoni.

Il-gvernijiet, kemm dawk apertament kapitalisti kif ukoll dawk li jinħbew taħt l-isem ta' soċjal demokratiċi u New Labour, qegħdin jagħmlu l-almu tagħhom biex isalvaw is-sistema kapitalista, magħrufa aħjar il-lum bħala l-ekonomija neo-liberali.

U kif qegħdin jipprovaw isalvaw dis-sistema , sistema waħxija li tippremja lil min huwa b'saħħtu u għoni u ssawwat u tjassar lill-ħaddiema?

Qegħdin jipprovaw isalvawha billi joħorġu l-biljuni minn flus il-poplu.

U l-bankiera xorta waħda jibqgħu jixxalaw. Jibqgħu jagħtu bonuses ta' miljuni lil maniġers, anke meta l-bank jagħmel telf enormi.

U l-flus li l-poplu qiegħed joħroġ ifissru inqas spiża fl-edukazzjoni, s-servizzi soċjali, proġetti infrastrutturali, ħolqien ta' impjiegi ... dak kollu li jagħmel ħajja diċenti għall-maġġoranza tal-poplu.

Fi kliem ieħor, qegħdin jipprovaw isalvaw il-kapitaliżmu billi jżidu l-miżerja fuq il-ħaddiema, l-pensjonanti u l-batuti.

Sadanittant il-midja f'idejn il-kapitalist, fetħet il-kanuni kollha biex tpinġi l-kriżi bħala tort tal-ħaddiema. Għax, skond dawn il-qaddejja tal-kapital, il-ħaddiema qiegħed jisloħ il-flus meta jieħu l-pensjoni, meta jieħu żjidiet għall-għoli tal-ħajja, meta jkollu servizzi tas-saħħa, ta' l-edukazzjoni b'xejn u beneficcji oħra.

Qegħdin jisħqu li l-istat ma jiflaħx iħallas dawn il-beneficcji u għandu jnaqqas l-ispiża tiegħu fuq dawn, inaqqas il-ħaddiema u jnaqqas il-flus li jonfoq f'kull qasam, anke fir-riċerka, titjieb ta' infrastruttura u proġetti pubbliċi.

Fl-istess waqt jippriedkaw li l-istat għandu jnaqqas it-taxxi, tnaqqis li minnu dejjem igawdu dawk li għandhom ħafna.

Il-gvernijiet borġiżi u l-Unjoni Ewropea huma kompliċi f'dan l-attakk kontra l-klassi tal-ħaddiema. Iħarsu biss l-interessi tal-monopolji, il-banek u l-kumpaniji transnazzjonali u l-istrateġija tagħhom biex joħorġu minn din il-kriżi hija li jitfgħu il-piż kollu fuq il-ħaddiema, il-pensjonant, il-fqir, is-self employed u l-batut.

L-istrateġija hija sempliċi. Tibdil radikali fis-sistema tas-servizzi soċjali (u nafu min se jbati), tnaqqis fl-impiegi, żjieda fix-xogħol prekarju, tnaqqis fil-pagi u kull benefiċċju ieħor.

L-Unjoni Ewropea qegħda tgħasses bħal seqer pajjiżi membri bħall-Greċja, l-Irlanda, l-Portugall, Spanja u oħrajn u permezz tal-midja qegħda xxerred il-biża' fost il-popli tagħhom billi tpinġi stampa ta' katastrofi u diżastri. B'dan il-mod qegħdin jintimidawhom ħalli jaċċettaw il-miżuri li jridu jimponu fuqhom.

Tant li l-Prim Ministru Grieg, meta ra l-miżuri li l-Unjoni Ewropea qegħda tesiġi li jimponi fuq il-poplu tiegħu, iddikjara: "Tlifna parti mis-sovranitá tagħna".

Il-miżuri jfissru tbatija u miżerja għall-poplu in ġenerali, tisħieħ tas-sistema kapitalista, aktar profitti għall-ftit u, wara ftit ta' kalma u prosperitá falza, ta' perjodu fejn l-għonja jkomplu jisirqu u jesplojtjaw, terġa' titfaċċa kriżi oħra.

Il-ħaddiema tal-Greċja, Spanja, l-Portugall u oħrajn qegħdin iqumu u jipprotestaw kontra din il-ħniżrija ta' rimedju għall-kriżi li ħolqu l-kapitalisti.

Il-ħaddiema jifhmu li hemm bżonn ta' riformi biex l-istat ikun f'qagħda finanzjarja tajba biex ikun jista' jħallas il-pensjonijiet u l-beneficcji u jkompli bil-proġetti. Imma l-mediċina proposta mhix dik tajba u ġusta. Hemm soluzzjonijiet oħra fejn il-piż jinġarr minn kulħadd, u min jiflaħ l-aktar iġorr l-aktar.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjeta' permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilta' ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' 5 euros fl-indirizz: 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta.***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitibiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna**

# Ħasil tal-Flus Politiku

**Michael Briguglio**

Kemm qegħdin tajjeb f'dan il-pajjiż! Mela għaqda volontarja b'ponn membri għandha tissottometti l-kontijiet tagħha lill-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji sabiex tkun tista' tieħu fondi mill-istat u tagħmel ġabriet pubbliċi. Partit politiku kbir li jieħu €100,000 fis-sena mill-istat (u jiġbor flejjes kbar kemm f'kampanji fuq it-televiżjoni kif ukoll minn wara l-kwinti) m'huwiex obbligat li jippublika l-kontijiet tiegħu!

Qegħdin niffaċċjaw sitwazzjoni fejn il-partiti l-kbar qegħdin jaħdmu qishom oligarkiji li l-għan tagħhom huwa li jaħkmu u jinfiltraw f'kull qasam tal-pajjiż. Dawn huma l-istess partiti li jaqblu bejniethom f'bosta affarijiet minn fuq dahar il-poplu. Ngħidu aħna jaqblu li jeżentaw lilhom infushom mill-liġi tad-*data protection* - għalhekk jistgħu jiġbru informazzjoni privata ta' kull ċittadin mingħajr ebda permess miċ-ċittadini. *Big brother is watching you*... u kif! Jagħmlu ukoll minn kollox biex jeskludu lil ħaddieħor milli jidħol fil-parlament, permezz ta' liġi elettorali li hija parodija ta' sistema ġusta u ekwa. Jaqsmu l-postijiet fuq bordijiet nazzjonali – l-aqwa li jeskludu lil ħaddieħor.

Fejn jidħol l-iffinanzjar tal-partiti, il-Partit Nazzjonalista u l-Partit Laburista qegħdin iżommu skiet kbir sabiex jiżguraw li ma jkunx hawn bidla mis-sistema preżenti. M'hijiex sorpriża li ż-żewġ partiti baqgħu muti dwar rapport riċenti tal-Grupp tal-Pajjiżi kontra l-Korruzzjoni fi ħdan il-Kunsill ta' l-Ewropa (GRECO).

Dan ir-rapport jgħid li l-Partiti għandhom jiddikjaraw id-donazzjonijiet li huma ikbar minn ċertu ammont u li għandhom jiżvelaw l-identita' ta' min itihom id-donazzjonijiet. Jgħid ukoll li donazzjonijiet minn sorsi mhux magħrufa għandhom jitwaqqfu u li l-partiti politiċi għandhom ikollhom sistemi propja tal-kontijiet u ta' l-awditjar.

Ir-rapport GRECO juri tħassib dwar il-fatt li huma biss il-PN u l-PL li huma rappreżentati fil-Kumitat Malti li suppost qed jieħu ħsieb din il-kwistjoni, liema kumitat jispikka bil-letarġija li għandu.

Is-sistema preżenti dwar l-iffinanzjar tal-partiti tista' tiġi deskritta bħala waħda tal-ħasil tal-flus politiku. Hemm min għandu influenza kbira fuq il-partiti politiċi iżda ma teżisti l-ebda sistema ta' kontijiet li turi dan. B'naqra mmaginazzjoni wieħed malajr jintebaħ kif verament tista' tagħmel triq fil-baħar bil-flus.

Bl-istess mod, is-sistema ta' ddikjarar tan-nefqa tal-kandidati fl-elezzjonijiet ġenerali, Ewropej u lokali hija farsa. Hija ovja li numru ta' kandidati jonfqu iktar flus minn dak permess bil-liġi f'sistema ta' pjaċiri, bil-barka tal-Kumissjoni Elettorali – li, għal darb'oħra hija kkontrollata mill-PN u l-PL. l-istess bħall-Awtorita' tax-Xandir, bil-ħaqq.

Jekk hawn min qed joħlom li Gvern Laburista ser ibiddel din is-sistema, infakkar li l-PL, l-istess bħall-PN, baqa sieket dwar ħafna deċiżjonijiet li affettwaw ċertu interessi… bħal, ngħidu aħna, il-fatt li l-Gvern ħafer €3.3 miljun lill-kumpanija MIDI għal skart ta' kostruzzjoni li ntefa' fil-baħar.

Nistgħu nibqgħu naċċettaw is-sistema ta' ħasil ta' flus politiku?

Alternattiva Demokratika temmen li għandu jkun hemm regoli cari dwar l-iffinanzjar tal-partiti. Fost il-proposti ta' AD, wieħed isib li donazzjonijiet ta' iktar min €5,000 għandhom jiġu ddikjarati mill-partiti u dawk iktar minn €40,000 għandhom ikunu illegali. Nemmnu ukoll li l-istat għandu jiffinanzja lill-partiti politiċi permezz ta' €3 għal kull vot fuq livell nazzjonali (f'elezzjonijiet ġenerali jew Ewropej).

L-iffinanzjar tal-partiti mill-istat tista' twassal għal iktar trasparenza speċjalment jekk tiġi kkumpanjata minn regoli stretti li jġiegħlu lill-partiti sabiex ikollhom kontijiet awditjati.

Fis-sitwazzjoni preżenti, l-Partiti l-kbar jieħdu l-flus mill-istat (apparti d-donazzjonijiet 'inviżibbli'), iżda partiti żgħar la jieħdu fondi mill-istat u l-anqas ma jistgħu japplikaw għal fondi li jingħataw lill-għaqdiet volontarji. X'konna qed ngħidu fuq oligarkija?

L-iffinanzjar tal-partiti kollha mill-istat ġiet pprovata f'demokraziji stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, u din is-sistema hi appoġġjata mir-rapport GRECO tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Malta qiegħda l-bogħod ferm minn sistema tassew ġusta dwar l-iffinanzjar tal-partiti. Kulħadd jaf kemm jingħataw pjaċiri u kemm hawn minn għandu nfluenza fuq il-partiti l-kbar. Imbagħad noqogħdu nġorrru bil-koruzzjoni u nuqqas ta' demokrazija. Iżda x'nippretendu jekk nivvutaw biex inżommu kollox kif inhu?

# Ix-xandir pubbliku

**minn Reno Cardona**

L-ewwel ħaġa li tiġi f'moħħ ħafna nies meta taħseb fix-xandir hija l-politika. Kważi kważi nazzarda ngħid li hija l-unika ħaġa. Dan għax is-suġġett tant iqanqal osservazzjonijiet dwar ir-rwol demokratiku tax-xandar pubbliku u l-bilanċ, jew in-nuqqas ta' bilanċ, fl-istazzjonijiet tal-partiti, li ftit iħalli spazju għal riflessjoni dwar aspetti oħra tax-xandir.

F'artiklu li deher fl-20 ta' Diċembru fil-*Malta Today*, l-Onorevoli Charlò Bonnici jikteb dwar ix-xandir pubbliku u sehmu biex tissaħħaħ id-demokrazija. Fih jiffoka fuq ir-ristrutturazzjoni tal-PBS filwaqt li jagħti ħarsa lejn ir-realtajiet politiċi, tal-passat u tal-preżent, ta' pajjiżna. Jgħid ukoll li stazzjon jagħti garanzija ta' indipendenza biss jekk ma jiddependix fuq l-istat biex jiffinanzjah. Madanakollu, apparti li ma jgħidx kif dan għandu jsir fil-każ tal-PBS, ma jirreflettix l-anqas fuq aspetti relatati max-xandir pubbliku, li però, b'xorti tajba, jmorru lil hinn mill-bilanċ politiku.

Aspett importanti tax-xandir pubbliku huwa r-rwol edukattiv tiegħu. B'edukazzjoni minix qed nifhem serje bla tmiem ta' programmi tard bil-lejl li jġibulek in-ngħas anke jekk tarahom fl-eqqel xemx ta' filgħodu. L-anqas ma nifhem repetizzjonijiet ta' programmi li jkunu dehru fuq Education 22, l-istazzjon iddedikat lill-edukazzjoni u mmexxi mill-istat, jew intervisti miġbuda snin qabel.

B'edukazzjoni nifhem dawk l-opportunitajiet tekniċi kollha li x-xandir tallum igawdi minnhom biex jinvolvi n-nies li jaraw programm li jqanqal mhux biss l-interess biex isegwuh imma l-motivazzjoni biex ninteraġixxu miegħu.

L-Onor. Bonnici jagħlaq l-artiklu tiegħu propju billi jħares 'il quddiem u jsemmi l-bżonn li kumpanija moderna talmidja bħalma tixtieq tkun il-PBS ikollha portal elettroniku li jilħaq l-udjenza lil hinn mill-iskrin tat-televiżjoni. Huwa dnub li s'issa għad ma sar l-ebda investiment f'proġett ta' dan it-tip li jekk immeniġġat tajjeb jiftaħ ħafna twieqi ġodda t'opportunità kemm għall-udjenza kif ukoll għall-kumpanija nnifisha. Hija ħasra kbira li r-rwol edukattiv u interattiv tal-PBS, meta jissemmew, jagħmlu dan f'perspettiva tal-ġejjieni, u mhux ta' xi ħaġa konkreta fil-preżent. Nittamaw li dawn l-ideat u proposti jitwettqu daqt f'xi forma jew oħra, speċjalment fil-mument meta x-xandir televiżiv f'Malta, bħal dak fil-bqija tal-UE, qed jaqleb diġitali.

Biex dan isir hemm bżonn ta' tibdil filmod kif il-gvern iħares lejn l-industrija li minnu jagħmel parti x-xandir pubbliku. M'għadux biżżejjed li ngħidu, kif b'xorti ħażina jistqarr l-Onor. Bonnici stess, li x-xandir mhuwiex wieħed missetturi li fuqu tiddependi l-ekonomija Maltija. L-anqas m'għadu biżżejjed li nibqgħu nħarsu lejn ix-xandir bħala l-għalqa rikreattiva tal-partiti politiċi u ta' ftit kumpaniji li jiddominaw is-suq bis-saħħa ta' klijentela tar-reklamar. Jekk il-gvern irid iwitti triq għat-tiġdid tal-midja f'Malta u jpoġġi fuq saqajha l-PBS u l-industrija li din tagħmel parti minnha jista' jagħmel dan b'investiment serju fit-taħriġ ta' min jaħdem fissettur, speċjalment il-kumpaniji ż-żgħar u ż-żgħażagħ, biex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw il-potenzjal u jtejbu l-prodott tagħhom b'mod professjonali u f'kuntest kompettittiv li jkun jista' jmur lil hinn minn xtutna u mill-politika dejqa li toħnoqhom. B'hekk jista' jkollna settur tal-midja b'saħħtu, b'funzjoni prattika u li jgħin lix-xandir pubbliku jwettaq il-missjoni demokratika tiegħu.

# "Is-solidarjetá u l-militanza huma għodda tal-ħaddiema"

***Michael Grech intervista lis-Segretarju Ġenerali tal-General Workers Union, Tony Zarb***

*Hemm min jikkritika l-unions li huma biċċa mill-apparat ta' poter li finalment qed jisfrutta lill-ħaddiem; u li kull ma jridu huma konċessjonijiet żgħar, u mhux soċjeta' ġdida ibbażata fuq prinċipji aktar ġusti minn dawk li hawn bħal issa. X'inhuma l-ħsibijiet tiegħek fuq dan?*

Jien ma naqbilx ma dan l'statement. Nitkellem għalina bħala GWU, nippruvaw inħarsu l-interessi tal-ħaddiema fit-totalità tagħhom. Aħna nħarsu lejn il-ħaddiem mhux biss fuq il-post tax-xogħol, imma bħala bniedem sħiħ. Bħala union, għandna bosta policy papers li jitkellmu dwar issues li jmorru l'hinn mill-post tax-xogħol, u jitrattaw temi marbuta mall-fasla tas-soċjeta aktar milli sempliċement mal-kundizzjonijiet tal-ħaddiema. Għandna ngħidu aħna, id-dokument bl-isem ta' 'Twemmin' li ma jitkellimx biss fuq ix-xogħol, imma li jmiss bosta temi li jmorru l'hinn mix-xogħol.

*Bħal issa qed jiżdiedu ħafna il-house-unions. X'effett qed jew jista' jkollu dan fuq il-moviment trejdjunjonisitku?*

Il-house unions ilhom żmien; u mhux bħal issa biss li bdew jissaħħu f'pajjiżna. Jidhirli li barra milli jaqdu dmirhom fuq il-post tax-xogħol, il-house unions ma jridux jinsew is-solidarjetà bejn il-ħaddiema kollha, u mal-unions l-oħra. Jekk il-unions mhux ser ikunu huma li jagħtu l-eżempju ta' solidarjetà; allura ma jistgħux jippretendu dan mill-ħaddiema. Tintilef is-solidarjetà bejn il-ħaddiema, u lil dawn ma jsirilhom l-ebda ġid.

Importanti li nkunu konxji minn dan, u tajjeb li fis-sitwazzjoni li hemm bosta minn dawn il-unions ikunu jafu dan. Diversi house-unions ingħaqdu flimkien fil-'Forum Unions Maltin', u qed jitkellmu bħala forum. Aħna bħala General Workers Union għandna relazzjonijiet tajbin ħafna magħhom.

*Kemm qed idgħajjfu s-saħħa tal-unions il-kuntratti short-term u x-xogħol prekarju? X'qed tagħmel il-union tiegħek u l-unions l-oħra f'dan ir-rigward?*

Ħa nibdew bil-kuntratti tax-xogħol. Jien inqis lil dawn bħala mediċina minn min għandu ċerti nteressi kontra s-solidarjetà tal-ħaddiema. Dan għall-fatt li kull ħaddiem jibda jara u jqis lilu biss u lill-interessi individwali tiegħu; u ma jagħti l-ebda każ ta' ħaddieħor. Sfortunatament, f'dawn il-kuntratti tax-xogħol qed isiru ħafna abbużi; anke kontra l-liġi. Bħala union ħloqna servizz; jeżisti servizz ta' konsulenza kemm individwali u kemm elettroniċi permezz tal-website. Min irid informazzjoni jista' jidħol fil-website tagħna biex jara kif il-union tagħna qed tgħin lil dawn it-tip ta' ħaddiema. Id-diffikultà li spiss ikollna hi li bosta drabi l-ħaddiema jiġu jkellmuna wara li jkunu iffirmaw il-kuntratt. Aħna nappellaw lill-ħaddiema biex jiġu ikellmuna qabel jiffirmaw; inkella spiss ikun tard wisq.

Dwar ix-xogħol prekarju, dan sfortunatament hu xi ħaġa ġdida f'pajjiżna li qed jikber b'ritmu mgħaġġel. Qed insibu ħafna ħaddiema jaħdmu b'xogħol prekarju; id-diffikultà għall-union tagħna hi li mhux dejjem nistgħu nitkellmu f'isem dawn minħabba li dawn spiss m'humiex organiżżati f'union. Minn kif narawha, qed jitħallsu nofs il-paga tagħhom billi jitħallsu nofs il-paga fi prodotti mill-ħanut li qed jaħdmu fih. Għandna ħaddiema li qed jaħdmu bil-paga minima li, illegalment, huma marbuta jagħtu għoxrin ewro lura lil min qed iħaddimhom meta jaqbdu l-paga. Hemm min qiegħed iġiegħel lill-ħaddiema biex flok ħaddiema normali jaħdmu bħala self-employed u allura mhux biss m'għandhom l-ebda drittijiet, imma jridu jħallsu l-bolla, in-National Insurance, huma biss u b'mod sħiħ. Il-GWU beħsiebha tgħafas aktar fuq issues bħal dawn, u tniedi kampanji serji fuq dawn il-kwestjonijiet. Din hi issue li qed tagħmel ħafna ħsara lill-ħaddiema u lis-solidarjetà ta' bejniethom, u għalhekk il-union ma jistax ikun li ma tagħmel xejn.

*F'din il-kampanja kontra x-xogħol prekarju hemm il-ħsieb li tinvolvu unions oħra, il-partit u s-soċjetà ċivili?*

Aħna fuq din l-issue nixtiequ u lesti naħdmu ma' kulħadd. Irridu nqajmu kuxjenza kontra dan it-tip ta' xogħol, ħaġa li hi diffiċli ħafna għal bosta raġunijiet. Meta pereżempju noħorġu stqarrijiet dwar din l-issue bosta mill-istampa suppost indipendenti tipprova taħbihom. Il-leħen tagħna ma jasalx kif għandu jasal. Barra mill-leħen tagħna din it-tip ta' media qed taħbi wkoll ir-realtà ta' dawk li qed jgħixu x-xogħol prekarju. Din hi sfortuna kbira.




Spiss meta nitkellmu fuq ix-xogħol prekarju nappelllaw lill-gvern biex ma jħallix dan l-abbuż. Sfortunatament, spiss dawn l-appelli jaqgħu fuq widnejn torox. Jidher li m'hemm ebda interess li jindagaw dak li qed ngħidu aħna.

*Hemm min, fosthom segretarji ta' unions oħra, li jsostnu li l-militanza m'għadx hawn bżonnha. X'inhuma l-ħsibijiet tiegħek dwar dan?*

Jien naħseb li jekk mill-moviment trejdjunjonistiku tneħħi l-militanza, dan ma jibqgħalu xejn. Militanza hi sinonima mal-moviment trejdjunjonistiku. Sfortunatament f'pajjiżna, meta wieħed isemmi l-militanza jimmaġina vjolenza u tkissir. Din mhiex militanza li nifhmu aħna. Għalina l-militanza ma tfisser xejn għajr li nibqgħu niġġieldu sa l-aħħar għall-interessi tal-ħaddiema. Bħala GWU aħna kburin li aħna militanti.

*Bit-tifrik tat-tarzna bħala lant tax-xogħol wieħed, jista' wieħed jgħid li l-union tilfet il-possibiltà ta' azzjoni konkreta u militanti?*

Il-ħaddiema kienu wisq magħqudin, u meta kienu jieħdu azzjoni din kienet tinħass mill-ewwel. Illum irridu nadattaw għal ċirkostanzi ġodda; ċirkostanzi li ma ġewx tort tal-General Workers Union, imma tort tal-gvern. Aħna ser nibqgħu nirrappreżentaw lil dawk il-ħaddiema li ser jibqgħu jaħdmu fit-Tarzna.

*Tajjeb u ħażin il-union tilfet ħafna ħaddiema tal-port. Hemm xi ħsieb li dawn jerġgħu jiġu mħajjra jidħlu fl-akbar union f'Malta?*

Wara l-ħaddiema tal-port telqu mill-union tagħna għar-raġunijiet tagħhom, numruta'ħaddiemaminndawnqedjerġgħu joqorbu lejn il-GWU. Kien hemm tentattiv is-sena l-oħra, fejn dawn qablu li jerġgħu lura lejn il-GWU, iżda sfortunatament, l-intervent tal-gvern ħarbat dan il-proċess. Min-naħa tagħna il-bieb hu miftuħ beraħ tant li persentaġġ minnhom reġa' sar membru fil-union tagħna.

*Għoxrin sena ilu ġiet fi tmiema l-għaqda statutorja bejn il-MLP u l-GWU. X'kienu l-kisbiet u n-nuqqasijiet ta' dan il-perjodu storiku għall-union? Għad baqa' effetti tajbin jew ħżiena ta' dik l-għaqda fuq il-union illum?*

Dak iż-żmien konna għaddejin minn żmien partikulari; żmien fejn il-pajjiż kien qed jeħles mill-bażi militari tal-Gran Brittanja. Dik l-għaqda bejn il-union u l-partit tat saħħa lill-union biex ikollha rappreżentanti fil-kabinett; l-ogħla organu ta' deċiżjoni fil-pajjiż. Dan kien iż-żmien li fih daħlu ħafna mill-benefiċċji soċjali fil-pajjiż. Ngħidu aħna, daħal il-maternity leave, il-ħaddiema kellhom opportunità li jsibu housing soċjali u policies oħra bħal dawn li fihom l-union kellha sehem kbir. Jiġifieri ma kienx il-perjodu ikraħ li bosta jippruvaw ipenġuh illum. Ovvjament, illum iċ-ċirkustanzi nbidlu, u affarijiet li setgħu kienu jagħmlu sens f'dak il-perjodu storiku ma baqgħux jagħmlu sens fi żmienna. Aħna irridu/ridna nadattaw ruħna għal realtà ġdida; realtà fejn is-soluzzjonijiet tal-bieraħ mhux bil-fors għadhom jagħmlu sens.

Meta qed ngħid dan kollu tajjeb nenfasizza li mhux qed ngħid li fir-realtà ta' llum għandu jkollna prinċipji ġodda. Il-prinċipji huma dawk li kienu janimaw dejjem lill-union tul is-snin. L-għodda li tinbidel; l-għodda trid tkun ġdida adattata għaż-żminijiet ta' llum mingħajr ma nitilfu l-prinċipji tagħna.

*F'pajjiżi Ewropej il-unions jieħdu pożizzjoni u sehem f'bosta dibattiti li jmorru l'hinn mix-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; bħal dibattiti fuq politika barranija, politika ekonomika, kultura u anke temi etiċi. Tara li f'Malta għad hawn nuqqas f'dan il-qasam?*

Naħseb li iva, fuq skala ġenerali għad baqà nuqqas, anke jekk aħna, bħala General Workers Union, spiss niddiskutu temi bħal dawn fosthom fl-ETUC; il-European Trade Unions Confederation. Hemmhekk aħna rappreżentati fl-eżekuttiv fejn dawn l-issues kollha jiġu mitħaddta.

Sfortunatament Malta għad m'hawnx din il-kultura li l-unions jitkellmu fuq dawn l-affarijiet, għalkemm aħna bħala union nitkellmu meta jidhrilna li għandna nagħmlu dan. Sfortunatament ukoll iżda, meta nagħmlu dan, joħorġu bil-kanuni kollha il-gvern u l-alleati tiegħu; l-aktar fil-media u jgħidu li mhux suppost nitkellmu fuq dawn l-affarijiet. Dan minkejja li dawn huma affarijiet li fuqhom jitkellmu l-unions kollha Ewropej, u minkejja li l-gvern u s-sħabu dejjem jiftaħru bil-kredenzjali Ewropej tagħhom.

*X'inhi l-pożizzjoni tal-union tiegħek fuq il-paga minima u l-implimentazzjoni tal-patt soċjali Ewropew mill-gvern?*

L-ewwel nett wasal iż-żmien ta' reviżjoni sura ta' nies fil-paga minima. Ma jistax ikun li jibqa' jkollna nies li jgħixu bil-paga minima; dik li tissejjaħ poverty wage. Bil-paga minima kif tinsab issa, qed nitfgħu aktar nies qrib il-faqar. Hemm bżonn li tiġi riveduta sew il-paga minima. Nista' ngħidlek li fix-xhur li ġejjin din l-issue ser tkun waħda mill-ewlenin li l-union ser titratta.

Dwar il-patt soċjali Ewropew, dan sar bi ftehim bejn il-unions u l-gvernijiet Ewropej. Bħala union tajna l-kontribut tagħna fit-tfassil ta' dan il-patt, meta kien qed jiġi diskuss. Issa il-gvern qed jimplimenta biċċiet minnu. Madankollu, il-patt jinkludi ħafna affarijiet li mhux qed jiġu mplimentati.

*Minkejja li l-organi tal-union tagħkom ġieli ħadu pożizzjoni populista jekk mhux leminija dwar il-fenomenu tal-immigrazzjoni, donnu li dan l-aħħar snin il-union fehmet li din hi issue li fuqha għandha tieħu pożizzjoni favur dawn l-emarġinati b'numru ta' inizjattivi. Taħseb li baqa' ħafna biex il-ħaddiema, fosthom membri tal-union, jibdew jaħsbu f'termini ta' ħaddiema f'Malta (bojojd u suwed), kif jixraq lil union tax-xellug, u mhux ta' ħaddiema Maltin?*

Jien għandi l-unur ngħid li l-union tagħna hi l-uniku waħda li għanda politika ċara fuq dan is-suġġett; b'policy paper li titratta dan is-suġġett mingħajr ebda kantunieri.

Aħna nħarsu lejn dawn in-nies qabel kollox bħala ħaddiema. Il-policy paper tagħna tirrifletti b'mod ċar dan kollu. Din tinkludi wkoll diversi inizjattivi li skond aħna għandhom jittieħdu bħal dawk li jinkoraġixxu lill-ħaddiem Malti biex jibda jaċċetta lil dawn bħala li huma wkoll sħabu fuq il-lant tax-xogħol. Meta nkellmu u naghtu taħriġ lix-shop stewards tagħna nkellmuhom direttament u b'mod ċar fuq is-suġġett.

Sfortunatament, dawn l-immigranti qed jiġu sfruttati. Qed jiġu sfruttati billi jitħaddmu b'kundizzjonijiet inferjuri. Dan hu ta' detriment kemm għalihom u kemm għall-ħaddiem Malti. Dan tal-aħħar allura, spiss iħossu mhedded, u b'hekk jiżdied ir-riskju li bosta ħaddiema Maltin ma jħarsux lejn dawn b'għajn tajba. X'irridu aħna? Irridu li dawn il-ħaddiema ikollhom kundizzjonijiet tax-xogħol bħal ħaddiema Maltin. B'hekk ikun hemm kompetizzjoni ekwa fuq is-suq tax-xogħol. Ma jistax ikun li ħaddiem Malti jikkompeti ma' dak barrani fuq kundizzjonijiet miżeri. Dan allura, hu suġġett għal qalbna u kif.

*Dwar dan, taħseb li qed isir biżżejjed mill-awtoritajiet li suppost jaraw li dan l-isfruttament ma jseħħx?*

Dawn sfortunatament, qed jagħlqu mhux għajn waħda, imma tnejn. Lill-awtoritajiet spiss ngħidulhom li jekk imorru l-Marsa fil-għodu, jaraw lil ħafna minn dawn il-ħaddiema jiġi xi ħadd b'van u jqabbadhom xi job illegalment. Kellna każi fejn ħaddiem minn dawn miet fuq il-lant tax-xogħol li min kien iħaddmu sa ċaħad li jafu lil dan.

Kemm il-darba tkellimna dwar każi fejn numru minn dawn, diversi każi, fejn dawn il-ħaddiema jiġu mqabbda jagħmlu biċċa xogħol u meta jibqa' ġurnata jew tnejn, min iħaddimhom iċempel hu stess il-pulizija, u b'hekk mhux biss ma jitħallsux ta' xogħolhom imma jiġu ippenalizzati.

L-awtortitajiet għandhom responsabiltà kbira biex jindirizzaw u jsolvu din il-problema li hija ta' għib għall-poplu.

# Il-futur tal-Welfare State

**Rapport dwar diskussjoni organizzata minn Żminijietna 'Il-Futur tal-Welfare State'.**

Id-diskussjoni pubblika dwar il-futur tal-welfare state seħħet fil-5 ta' Diċembru 2009 gewwa 60a, Triq id-Dejqa, l-Belt Valletta u kienet l-erbatax mis-sensiela ta' diskussjonijiet pubbliċi dwar temi politiċi u soċjali li qed jiġu organizzati minn Żminijietna.

Il-kelliema prinċipali (ritratt) kienu Stefan Zrinzo Azzopardi (Partit Laburista), Michael Briguglio (Alternattiva Demokratika – The Green Party), Charles Pace (Lecturer in Social Policy) u Angele Deguara (Lecturer in Sociology). Il-kelliema ddiskutew u qajmu punti nteressanti dwar is-sostenibilitá u l-futur tal-welfare state.

James Debono, li mexxa d-diskussjoni, fetaħ id-diskussjoni b'mistoqsijiet diretti sabiex iġiegħel il-kelliema u parteċipanti jaħsbu b'mod aktar wiesgħa fuq il-kunċett tal-welfare state u l-futur tiegħu.

"*Il-welfare state qed jemanċipa lil dawk li qed jigu mgħejuna jew qed joħloq dipendenza?*
*Il-welfare state għandu jgħin biss lil dawk li qegħdin f'riskju ta' faqar jew għandu jkun wieħed universali bħala dritt ta' ċittadinanza?*
*Bil-popolazzjoni li qed tixjieħ għadu sostenibbli welfare state? Jekk taqblu ma' dan il-ħsieb kif lesti li nsostnuh?*"

Charles Pace beda b'analiżi u qabbel il-futur tal-welfare state mas-silġ fi zewg poles tad-dinja li qiegħed kull ma jmur dejjem jinħall. Qal li hemm żewġ toroq biex nikkumbattu l-bidla fil-klima, li huma jew nibqgħu bid-drawwiet ta' qabel u ngħidu li ma nistgħux ninbidlu jew nkella '*we go for change*'. L-istess jista' jingħad għall-welfare state.

Kompla biex qal li fuq skala Ewropeja il-welfare state f'Malta hu l-ħames l-inqas ġeneruż u sitta f'dik li hi privatizzazzjoni ta' oqsma fil-kura tas-saħħa. Kompla biex qal li l-welfare state ma jistax jinżamm jekk ma nibdlux id-drawwiet u nnaqqsu n-nefqa pubblika. Eżempju tipiku huwa l-każ tal-pensjonijiet fejn suppost il-problema solvejniha meta fil-fatt kull ma sar kien li żiedna l-etá ta' l-irtirar. Jekk ma nirriformawx is-sistema tal-pensjonijiet billi l-persuna toħroġ għall-kontribuzzjoni tas-second pillar, is-somma ta' 2/3 tkun inqas fil-futur qarib. Dana kollu juri li l-problema għadha mhux riżolta. Għandna wkoll il-problema ta' 'waiting list' li qed taffettwa l-aktar lill-popolazzjoni anzjana. Jew titqanna tistenna fil-kju jew nkella ma għandekx għażla oħra li tmur u tħallas fil-privat. Riċenti ddaħħlu miżuri tajbin fil-housing biex jgħinu lill-koppji żgħażagħ, imma mill-banda l-oħra l-prezzijiet ta'djar qed jkompli jiżdiedu u aktar propjetá qed tkompli tinbiegħ lill-barranin. Ħaġa pożittiva hi li l-gvern qal li ser jirregola l-prezzijiet tal-mediċina. Rigward il-'means testing' Charles Pace ikkritika sistema li tiffavorixxi l-aktar lil dawk li ma jagħtux l-informazzjoni kollha dwar id-dħul tagħhom.

Stefan Zrinzo Azzopardi qal li jaqbel li welfare state jkun aġġornat. Kien hemm żmien f'pajjiżna meta bdejna nisimgħu diskors li "ma'għadux iż-żmien ta' welfare state, imma rridu neqilbu għal 'welfare society'". Il-Partit Laburista dejjem emmen u ħaddan il-prinċipju ta' welfare state. Eżempju tipiku hu r-riforma fil-liġi tal-kera ta' l-Att No10, fejn l-emendi li saru, tfasslu b'mod sensittiv u responsabbli, fejn nstab bilanċ ħalli ma jispiccawx nies jorqdu barra fit-toroq.

Wasal iż-żmien li nirriflettu u nistaqsu x'għandu jkun l-għan ewlieni tal-welfare state li oriġinarjament fi sebgħinijiet ġie maħsub biex l-Istat jagħti 'cash hands out' minħabba l-faqar socjali li kien jeżisti u s-soċjetá llum, fejn illum naraw soċjetá aktar affluenti u li evolviet.

Is-sostenibilitá tiddependi mit-tmexxija tal-pajjiż fejn il-gvern qed jieħu deċiżjonijiet żbaljati bħall-każ ta' l-estenzjoni tal-power station li ser tissarraf fi spiża kapitali, ħsara ambjentali u detriment għas-saħħa tal-bniedem li eventwalment ser iżżid il-piż fuq il-kura tas-saħħa u biex nimmaniġġjaw l-iskart. Kompla biex qal li ma għandniex nħarsu lejn il-welfare state iktar bħala 'cash hand outs', ħlief għal min hu fil-bżonn. Partit Laburista jemmen f'investiment aktar ta' servizzi tas-saħħa fil-komunitá. Rigward il-means testing Stefan Zrinzo qal li ħafna persuni qed jispiċċaw esklużi nġustament konsegwenza ta' żieda minima fi dħul tagħhom.

Michael Briguglio qal li welfare state beda biex il-kapitaliżmu jibqa' hemm. Ma jfissirx li għax hi xi ħaġa ta' sistema kapitalista, min hu xellugi għandu jkun kontriha, anzi nemmen li għandna niġġieldu biex il-welfare state insalvawh. Ma rridux inħarsu lejn il-welfare state bl-idejat ta' ħamsin sena ilu, li qisu qiegħed hemm biex itik iċ-ċekkijiet. L-ewwelnett minħabba s-sostenibilitá finanzjarja li ħa tikkollassja u l-oħra għax tista' toħloq dipendenza fuq l-individwu li taf twasslu għal aktar faqar. Fuq livell Ewropej hemm minn qed jimbotta għal Ewropa iktar soċjali u ekoloġika, bħall-Greens u oħrajn li qed jimbuttaw għal Ewropa neoliberali bħall-lemin.

F'pajjiżi li għandhom taxxa tad-dħul progressiva, għandhom iktar ugwaljanza bħall-Isvezja u l-Finlanda. Huma ukoll l-iktar pajjiżi kompetittivi, sostenibbli u soċjalment ġusti. Dana jikkonfermah anke l-istess World Economic Forum. Mill-banda l-oħra f'Malta iż-żewġ partiti l-kbar jikkompetu bejniethom minn irid inaqqas it-taxxa tad-dħul l-ewwel. Din mhi xejn għajr politika leminija. Jekk irridu nsaħħu l-welfare state u l-ugwaljanza, rridu nżiedu taxxi fuq min jaqla' flus kbar u mhux innaqqsu taxxi. Fuq livell Ewropew minn għandu għal qalbu l-ġustizzja soċjali rridu niġġieldu sabiex nsaħħu s-sistema ta' Cohesion funds u Structural funds li tgħin sabiex iġġib ugwaljanza bejn il-pajjiżi u l-popli Ewropej. Ezempju hu l-Germanja tal-Lvant li peress li hi inqas żviluppata mill-Germanja tal-punent qed tibbenifika minn dawn il-fondi.

Il-welfare state tista' tarah bħala l-gvern li jtik il-ħuta jew il-qasba. Fil- fehma tiegħi l-Gvern għandu jtik il-ħuta jekk għandek bżonnha, kif ukoll għandu jarmak b'qasba. Din irridu nħarsu lejha billi nirriflettu fuq is-soċjetá ta' llum, li hi soċjetá ta' ħafna riskji. Għandna riskju mill-bidla fil-klima, l-ikel li nieklu ma nafux x'fih, dħaħen fuq is-saħħa, job stability etc. Nemmen li l-gvern għandu jarmak għal dawn il-riskji. Filfatt l-Edukazzjoni u Saħħa huma ta' mportanza primarja għal welfare state.

Nemmen li welfare state ma għandniex narawh bħala stat. Ma jistax ikollna soċjetá fejn l-istat jiddetta kollox għax tista' twassal għal soċjetá awtoritarja. F'soċjetajiet li mhumiex pluralisti ssib ħafna movimenti li drittijiet tagħhom ma jtihomlhomx l-istat imma għax iġġieldu għalihom bħal drittijiet tal-gays, persuni b'diżabilitá u drittijiet tan-nisa. Id-drittijiet tal-ħaddiema ma waqgħux mis-sema imma ġew għax iġġieldu l-unjins għalihom.

Nemmen li l-MCESD huwa wieħed skadut għax il-movimenti mis-soċjetá ċivili huma esklużi mid-diskussjoni fl-istess fora. Ħafna nisa ma jaħdmux għax neqsien minn policies favur il-familja u xogħol. Rigward il-Means testing ġeneralment jiġu kkastigati dawk il-ħaddiema li avvanzaw ftit fil-paga.

Angele Deguara qalet li taqbel ma' l-welfare state u li dan għandu jkun ukoll sostenibbli. Fit-teorija taqbel ukoll ma' universal benefits milli means testing. Semmiet li llum għandna niddentifikaw u ngħinu l-aktar lil dawk il-gruppi li huma f'riskju ta' faqar bħal anzjani, emigranti, lone parents, etc. F'soċjetá bħal tagħna għadna nħarsu lejn 'lone parents' bħala persuni rresponsabbli. F'soċjetajiet fejn hemm edukazzjoni sesswali eżempju condoms li llum għadu taboo f'Malta, ir-rata ta' lone parents hija ferm inqas u soċjetá hija iktar ugwali, b'saħħitha u kompetittiva. Qalet ukoll li ma taqbilx ma' tax rebates għal dawk il-ġenituri li għażlu li jibgħatu tfal tagħhom fi skejjel privati kemm għax ma tagħmilx sens u gvern ma għandux jagħmel tajjeb għal għażla tiegħek. Rigward il-means testing Angele qalet li l-Gvern biex jopera s-sistema tal-means testing jrid jonfoq ukoll. Means testing itaqqal l-aktar lil dawk li huma bil-paga u li jimxu ġustament fid-dikjarazzjoni tad-dħul tagħhom.




David Pisani miż-Żminijietna – Leħen ix-Xellug qal li l-partiti tax-Xellug kienu huma li ntroduċew il-welfare state u rwol ta' l-istat hu wieħed mportanti. Il-kunċett tal-welfare society ma ħadimx, filfatt fi kriżi ekonomika l-għaqdiet li jiddependu mill-għotjiet karitattivi ntlaqtlu ferm aktar ħażin bħal Dar tal-Providenza.

Mario Mifsud semma l-isfida li rridu nagħmlu biex insostnu l-welfare state, fejn qal li l-kunċett llum hu wieħed ħażin. Tenna li hemm bżonn li nħarsu lejn il-problemi u ngħafsu aktar fuq kura preventiva. Il-vaċċinazzjoni hi ħafna inqas mill-ispiża li nonfqu għall-konsulenti.

Alfred Vella qal li kien hawn xi pajjiż li falla għax kellu welfare state aħjar minn ta' ħaddieħor? Il-pajjiżi li nvestew fil-welfare state avvanzaw aktar il-quddiem. Il-problema hija l-abbuż mill-evażjoni tat-taxxa u l-abbuż mill-benefiċċji.

Michael Camilleri qal li kullimkien il-welfare state qisu jinsab fil-kriżi. Dana prodott stess tal-falliment tas-sistema kapitalista. Filfatt bil-privatizzazzjoni naqas id-dħul tal-Gvern. Mingħajr welfare state jiżdied il-faqar fis-soċjetá.

Michael Grech qal tajjeb insaqsu min qed igawdi mill-welfare state? L-isptarijiet privati qed jirreklamaw minn fuq l-inefficjenza tal-gvern fil-kura tas-saħħa. Staqsa lill-kelliema preżenti jekk humiex lesti li jekk jkun hemm partit Xellugi fil-Gvern jinvesti tant fis-servizz tas-saħħa pubblika li nies ma jibqgħux jiddependu aktar mis-settur privat? Kompla biex qal li l-ġid komuni ma jezistiex, imma teżisti socjeta b'interessi kontrastanti.

Mary Anne Zammit qalet li hi ukoll favur universalitá ta' welfare state. L-Edukazzjoni u Empowerment huma oqsma li qed nfallu u b'hekk in-nies li fallew qed jibqgħu dipendenti fuq il-benefiċċji. Filfatt dawk li mhux emanċipati jaqgħu lura u oħrajn qed jistagħnew.

Clyde Caruana qal li l-welfare state huwa dik l-insurance li tingħata lill-individwu milli jaqa' fil-faqar. Fl-Ewropa għandna diversi forom ta' welfare state. Fil-pensjonijiet għollejna s-cieling, għollejna l-etá ta' l-irtirar, pero l-kontribuzzjoni għada l-istess. Għandna naraw id-difetti fit-tħaddim tal-welfare state. Il-problema hi ukoll ġeokrafika fejn ir-rata ta' twelid qed tonqos biex tagħmel tajjeb fi tkabbir ekonomiku. Unemployment benefits ukoll qed joħolqu dipendenza u spiża kapitali. Jeħtieġ riforma biex nsaħħu l-welfare state universali. Jekk ir-riforma tkun maħsuba b'mod tajjeb tagħti riżultati iktar aħjar.

## Malta għandha tkun żona ħielsa mill-GMOs

Il-ġlieda kontra l-influss ta 'GMOs' fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea hija battalja kontinwa, fejn fuq naħa waħda għandek l-ambjentalisti, il-blokk tax-xellug magħqud u l-ħodor u fuq in-naħa l-oħra għandek kumpaniji multinazzjonali kbar li qed jippruvaw jippenetraw is-suq Ewropew biex jiksbu kontroll u jinvadu s-settur agrikolu bil-GMOs, l-istess bħalma qed jiġri fis-settur tal-bijofjuwil fil-pajjiżi ta' tielet dinja.

Żminijietna - Leħen ix-Xellug tinsab iddispjacuta ħafna għall-Kummissarju Ewropew, John Dalli talli ta' l-approvazzjoni tiegħu għall-koltivazzjoni ta' patata ġenetikament modifikata, magħrufa bħala 'Amflora'. Nibzgħu li l-Kummissarju John Dalli cceda għall-pressjoni li ġiet eżerċitata mill-2003 mill-Kumpannija Multinazzjonali BASF biex tinfiltra s-suq Ewropew biex tikkultiva u tipproduċu 'l-Amflora'.

Ta min jinnota li l-gvern ta' Ċipru ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tiddikjara Ċipru żona ħielsa mill-GMOs. Il-gvern ta' Ċipru ġustament issostni li "minħabba l-ġeografija tal-pajjiż, peress li l-pajjiz huwa gżira żgħira, kwalunkwe kultivazzjoni ta' prodotti ta' GMOs jagħmilha aktar faċli li jinfettaw il-flora li tezisti fil-gzira ta' Ċipru".

Zminijietna jistieden lill-gvern ta' Malta u l-MEPs Maltin biex isegwu dan l-eżempju u għall-istess raġunijiet jinsistu fi ħdan l-Unjoni Ewropeja li tiddikjara l-gżejjer Maltin żona ħielsa mill-GMOs.

Aħna nappellaw ukoll il-Kummissarju Ewropew, John Dalli biex jahdem favur Ewropa Soċjali u ekoloġika, ħielsa mill-GMOs u ma jcedhiex fil-pressjoni mill-kumpaniji multinazzjonali.

# Il-fidwa ta' l-Anarkiżmu

**Mark Montebello**

L-anarkiżmu jiġi ġeneralment mifhum b'bosta għamliet. L-aktar, tlieta. L-għamla l-aktar komuni ta' kif jinftiehem hija bħala stat ta' diżordni politiku u soċjali (b'ħafna għajjat u storbju), bħal dak li seħħ l-Amerika (f'Los Angeles) fl-1992. Għamla oħra hija bħala stat soċjali li fih ma jkollokx gvern effettiv, imma kullħadd ifendi għal rasu (mingħajr diżordni, għajjat u storbju), bħalma kienet l-Albanija madwar l-1998. Għamla oħra, fuq livell aktar filosofiku, hija bħala twemmin li, teoretikament u prattikament, ma jaċċetta ebda tmexxija jew awtorità leġittima.

Meta l-filosfi jsemmuha mingħajr kwalifika (bħal, ngħidu aħna, Platun, Spinoza, Bentham, u MacIntyre), il-kelma 'anarkija' ġeneralment tirreferi għall-ewwel għamla li semmejt hawnfuq. Huma ftit (bħal, ngħidu aħna, Sartre u Nozick) li jitħaddtu dwarha fis-sens tat-tieni għamla.

Minkejja dawn it-tliet definizzjonijiet komuni u ġenerali ta' anarkiżmu, jien ma nifhem l-anarkiżmu f'ebda għamla minn dawn. L-anarkiżmu li se nitħaddet dwaru hawn taħt nista' nsejjaħlu 'Fakultattiv' u jirrelata ma' attitudni personali u ntima fuq livell individwali.

**1. L-ossessjoni bil-konformità**

Ma nafx jekk qatt smajt id-diska *The Logical Song* li kien ħareġ il-grupp Supertramp fl-1979 fl-album *Breakfast in America*. Biċċa mill-lirika tagħha, miktuba minn Roger Hodgson, li kien ukoll il-kantant tad-diska, kienet tgħid hekk.

*But then they send me away*
*to teach me how to be sensible,*
*logical, oh responsible,*
*practical.*
*And they showed me a world*
*where I could be so dependable,*
*oh clinical, oh intellectual,*
*cynical.*
[…]
*Now watch what you say or*
*they'll be calling you a radical,*
*a liberal, oh fanatical,*
*criminal.*
*Won't you sign up your*
*name, we'd like to feel you're*
*acceptable, respecable, oh*
*presentable, a vegtable!*

Il-kliem ta' din id-diska popolari jista' jindika xi ftit jew wisq dak li rrid ngħid bl-ossessjoni għall-konformità li l-biċċa l-kbira minna aktarx jiltaqgħu magħha kmieni fil-ħajja u jibqgħu jiltaqgħu magħha hekk kif jikbru. Freud, fil-ktieb tiegħu *Iċ-Ċiviltà u d-Diskontentizzi Tagħha* (1930), ifisser dik li baqgħet tissejjaħ l-'era moderna' taħt tliet aspetti differenti imma mhux distinti għal kollox minn xulxin: il-ġmiel, l-indafa, u l-ordni.



Taħt dawn it-tliet titli huwa stħarreġ kif l-'era moderna' ossessjonat ruħha bit-tneħħija ta' kulma jfixkel l-armonija u l-perfezzjoni formali tas-soċjetà (l-aspett tal-ġmiel), bit-tneħħija ta' kulma jħammeġ jew itabba' b'xi mod is-soċjetà (l-aspett tal-indafa), u bit-tneħħija tal-indiċiżjoni personali (l-aspett tal-ordni).

It-tliet aspetti lkoll jippuntaw lejn il-konformità privata u soċjali, li l-era hekk imsejħa 'post-moderna' suppost warrbet. Bil-mod tagħha, id-diska ta' Hodgson tisħaq fuq edukazzjoni li baqgħet tisħaq fuq l-aspetti tal-'era moderna'; fuq il-konformità tal-individwi ma' soċjetà li tfittex il-konsistenza tagħha fis-sottomissjoni sħiħa tal-kanonijiet ortodossi tagħha. Hija edukazzjoni li, kif tgħid id-diska, tibdel l-individwi f'nies sensibbli, loġiċi, responsabbli, prattiċi, dipendibbli, kliniċi, intellettwali, ċiniċi, aċċettabbli, rispettabbli, u preżentabbli; u jekk le, tqishom bħala radikali, liberali, fanatiċi, u kriminali.

**2. Il-'post-moderniżmu' tagħna**

Bħal bosta avvanzi soċjo-filosofiċi oħra, f'Malta u Għawdex l-hekk imsejjaħ 'post-moderniżmu' għadu ma rabbiex l-għeruq minkejja li f'oqsma aktar żviluppati tad-dinja ilu l-għexieren ta' snin li tnibbet, kiber u nfirex. Aktarx jeżistu diversi oqsma sub-kulturali 'l hemm u 'l hawn f'Malta u Għawdex li effettivament xi ftit jew wisq warrbu l-valuri tal-moderniżmu. Jekk wieħed jagħmilha ftit ma' żgħażagħ li m'għadhomx imorru knisja, jew idur dawra ħafifa fl-Internet u jżur blogs ta' xi Maltin, malajr jintebaħ kemm dan hu minnu.

Iżda b'mod ġenerali, fil-kultura dominanti, dawn il-valuri modernisti għadhom ma twarrbux. L-individwu għadu, b'mod ġenerali, jiġi impliċitament mitlub jissottoskrivi l-kuxjenza u l-personalità tiegħu għat-twemmin modernista, u għadhom jeżistu għamliet diversi, aktarx siekta u minn taħt, ta' kastigi għal min ma jintelaqx għal tali sottokrizzjoni.

Forsi l-aktar 'kastig' mifrux hija l-ostraċizzazzjoni (jiġifieri t-twarrib jew l-esklużjoni). It-tliet oqsma li jitħaddet fuqhom Freud fl-aħħar mill-aħħar għandhom direttament x'jaqsmu mal-inklużjoni u l-esklużjoni tan-nies (bit-tieni waħda effett tan-nuqqas tal-ewwel). F'soċjetà bħal tagħna fejn l-istituzzjonijiet għadhom meqjusa assoluti, is-siwi tal-individwu huwa meqjus primarjament f'relazzjoni ma' dak l-assolutiżmu tal-istituzzjoni u, b'konsegwenza, f'sottomissjoni għalih. L-individwu f'Malta u Għawdex, partikularment dak li jrid jeżisti fi ħdan fasla istituzzjonali, huwa jibqa' jiġi meqjus inkluż fin-nisġa soċjali u politika jekk kemm-il darba jġib ruħu b'tali mod li ma jfixkilx il-primat tal-valuri li l-istituzzjoni żżomm bħala sagrosanti għall-konservazzjoni tagħha nnifisha. Infatti, l-istituzzjonijiet f'Malta u Għawdex għadhom sallum iqisu bħala prijorità, mhux l-akbar u l-aqwa ġid tal-individwu, imma biss l-akbar u l-aqwa ġid tagħhom infushom. Kulmin bl-aġir tiegħu jfixkel b'xi mod dan l-objettiv jiġi ħelu ħelu mibżuq 'il barra mill-fasla istituzzjonali u eskluż mis-sħubija tagħha.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, f'Malta u Għawdex l-individwu għadu qed jiġi meqjus għodda strumentali għall-għajxien u l-konservazzjoni tal-istituzzjonijiet, li għandhom bħala missjoni ewlenija li ma jitilfux (u, jekk jista' jkun, ikabbru) l-ispazju tagħhom fil-medda tal-qawwa politika li hawn mifruxa soċjalment. L-istituzzjonijiet jgħixu għalihom infushom, mhux biex jaqdu lin-nies. In-nies huma biss ġustifikazzjoni tal-qawwa politika li l-istituzzjonijiet għandhom, u l-individwu fi ħdan istituzzjoni huwa meqjus bħala xirk li xogħolu hu biss li jħaddem il-mekkaniżmi tal-istituzzjonijiet rispettivi li hu parti

***L-artiklu ta' Mark Montebello jkompli fil-ħarġa li jmiss ta' Żminijietna***

---

# Should Poverty be victorious in Europe?

**Nighat Urpani**

Spokesperson for AD on Social Protection.

The European commission president Jose Manuel Barroso told a gathering of civil society representatives on Monday (28 September) that the European Union needed to do more to tackle social issues such as poverty. On the other hand, while calling for greater European action to deal with the regions' poor, Mr Barroso ruled out any move on taxation. "It is impossible to harmonise this. We are not a federal state," he said.

However, one would think that it goes undisputed that the European welfare state touches almost every aspect of its economy and society. So far, in the mainstreams' perception, Europe managed to avoid the shamefully unjust American system. After all, the welfare state basically exists to provide insurance for citizens buffeted by the changing economy. As such, if the small size of European economies and their openness to external bigger shocks made them more volatile, we would expect a larger welfare state to cushion the poor, from these shocks. Alas! the evidence does not support this view. At present, 79 million people in the EU live in poverty, despite the fact that they inhabit the richest economic area in the world.

The question of who receives most from the EU budget has continually caused strong debate between net donors and net recipients, and upcoming discussions on funding for the EU's next financial period 2014-2020 are unlikely to pass off smoothly. Germany and other higher tax member states complain however that low-tax countries, such as Ireland undermine their ability to support expensive social welfare programmes.

Let us not undermine the fact that redistribution of income by means of taxes, transfers, and other means is a policy measure, and therefore is a result of the politico-economic process. The role of institutions in economic redistribution is flexible and ultimate reflect the deeper forces. Before Brussels' army think of moving towards an American welfare system, some factors must be seen in contrast to Europe: The United States is a country of immigrants. It stands to reason that those who left their countries of origin in search of fortune to escape poverty were the most risk-taking of the lot. American history also confirms the role that racial divisions played in limiting the welfare state.

It also makes us aware that the introduction of minorities, such as the new immigration into Europe, might create a potential for entrepreneurial politicians to create hatred in order to gain support. It might be a foolish step not to see the difference between European and U.S politics without recognizing the strong differences in beliefs between the two areas.

Different perceptions about the poor can also lead to a different tolerance of inequality. Europeans may be more offended by inequality because they perceive it as intrinsically unfair. Americans on the other hand, may be more tolerant because they see inequality as a fair result of individual effort. One cannot deny the fact that some right-wing politicians have worked hard to instill the idea of the poor as morally incompetent and irresponsible lay about. As such, American beliefs about the poor should be seen as the result, not the cause, of successful American anti-redistribution politics.

Educational institutions played its role too. The right-wing ideology continues to dominate schools through a system of local funding. Public-schools have been a local affair, where 'prominent' citizens have been able to ensure that the curriculum does not directly attack their interests or counter their views.

In the 1960s the United States government mounted a well-publicised War on Poverty. However no such programmes or measures have ever commanded enough resources, facilities and public support to have a widespread impact. But, since 1981 there has not been even any War on Poverty-it is as if victory had been declared, when in fact there was no such conquest.

Indeed, as President Reagan is said to have remarked, 'We declared war on poverty, and poverty won'.

It remains to be seen which direction the majority of the Brussels-based army of people in the EU, seeking to gain greater prominence for their own agendas is moving to, as they are keenly aware that the next few months represent an important policy-shaping window regarding the EU's direction for the next few years. Would this army be mobilized to defend against poverty in Europe? Would they nullify the belief that it is not only moral weakness and laziness? Would they be able to see clearly why there is a sense of hopelessness in the lives of the poor and why some are so privileged? Or would they also choose to declare the 'victory of poverty'? At best, one can hope that there will be consensus for some sympathy for the downtrodden when the Member States will be approving a new work programme for the commission at a spring summit next year. The commission is also set to launch a consultation period for a future European economic strategy that will take over from the much-maligned Lisbon Agenda that expires in 2010.

The European Greens are very much concerned about poverty in the European Union. Indeed, the Greens are deeply concerned about the present EU's lack of democratic transparency, its bureaucracy and the dominance of neo-liberal economic policies which are causing more inequality. This is resulting in a strong skepticism towards the EU. The way the globalization process is organized, has led to a fear among citizens that social 'certainties' are evaporating. European Greens are for a European social model and believe that the most sustainable choice in this regard is one that ties social justice with ecological justice. Here, EU member states should opt for measures that increase social protection and confront discrimination, whilst reducing their ecological footprint as a precondition for a just and sustainable development of other parts of the world as well.

The Greens' vision of a Green New Deal opts for such policies, where socio-economic inequality can be tackled through policies which create green jobs and social justice in the process.

# Vera li l-prezz tad-demokrazija kien in-newtralitá?

**minn Victor Degiovanni**

In-Newtralitá ġiet imdaħħla fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta wara qbil bejn iż-żewġ naħat tal-kamra fejn ukoll ġiet emendata l-liġi dwar l-elezzjonijiet ġenerali.

Il-fatt li kien sar qbil sabiex saru tibdiliet fil-kostituzzjoni mhuwiex att Anti Demokratiku, imma prattika normali li ssir regolarment meta l-kostituzzjoni tiġi emendata, jiġifieri sabiex naghtik dik, int trid tagħtini xi ħaġa oħra. In-Nazzjonalisti kienu liberi li ma jaċċettawx dak inhar, ħadd ma kien qed jisfurzahom, għalhekk l-argument li kwistjoni tan-Newtralitá ġiet imponuta fuqhom, ma jreġiex, għaliex huma liberament setgħu ma jaċċettawx.

L-anqas l-argument l-ieħor ma' jreġi li f"Malta ma kienx hawn Demokrazija bejn l-1981 u l-1987 għaliex l-opposizzjoni Nazzjonalista kellha maġġoranza ta' 0.1%. Sa dak inhar il-kostituzzjoni ta' Malta kienet tagħraf maġġoranza parlamentari u mhux maġġoranza fil-voti mitfugħa. Sa dak inhar il-liġijiet dwar l-elezzjonijiet kienu għadhom kif gew imfassla fil-kostituzzjoni ta' l-Indipendenza taħt l-amministrazzjoni Nazzjonalista ta' Borg Olivier. Meta giet emendata l-kostituzzjoni fl-1974, l-Artikoli dwar l-elezzjonijiet ma ġewx mittiefsa fuq insistenza tal-membri parlamentari Nazzjonalisti, għaliex skond huma dawn ma kellhomx jinbidlu.

Fl-1971 l-Gvern Nazzjonalista kien sejjer jirbaħ l-elezzjoni ġenerali b'maġġoranza ta' siġġu, meta l-Partit Laburista kellu maġġoranza ta' aktar min 4000 vot. Il-Partit Nazzjonalista tilifha minħabba li meta waqa' kandidat Nazzjonalista, u l-voti tiegħu kienu qed jintirtu, mingħajr ħadd ma kien qed jistenna, ħames voti ta' dan l-imbierek kanditat, intirtu minn Nutar Abela, tal-Partit Laburista, in-numru eżatt li kellu bżonn biex jilħaq il-kwota. U b'hekk issa l-Partit Laburista kellu siġġu aktar.

Wara li tal-PN talbu u ħadu aktar min għoxrin re-counts il-Kummissjoni Elettorali ma laqgħetx aktar talbiet ta' re-counts mingħand l-PN u Dr Guido Demarco. Il-Partit Nazzjonalista kien fetaħ kawża fil-qorti kontra l-Kummissjoni Elettorali minħabba dan l-aġir.

Għalhekk l-elezzjoni ta' l-1981 ġiet mirbuħa '*fair and square*' għaliex kien rebaħha b'regoli magħmula minn amministrazzjoni Nazzjonalista stess. Kieku ma kienx hemm dawk il-ħames voti fl-1971, il-PN kien ikun rebaħ l-elezzjoni bl-istess mod.

Tista' tgħid li dan il-fatt ma ġarax. Imma allura għalfejn il-Partit Nazzjonalista baqa' jitlob recounts u marru l-Qorti meta l-kummisjoni elettorali qalet daqshekk. Taħsbu li dak inhar kien ikun hemm min jikteb fil-gazzetti li ma kellniex Gvern elett demokratikament kieku tal-PN rebħu l-elezzjoni?

L-argument l-ieħor li jinġieb huwa l-fatt li qabel l-elezzjoni ta' 1981 id-distretti gew imbagħbsa. Kull amministrazzjoni li kellna f'Malta inkluża dik kolonjali, jiġifieri minn żmien il-Kolonja Ingliza, is-super demokratiċi għal xi wħud, u mill-amministrazzjoni ta' Borg Olivier qabel l-elezzjoni ta' l-1971 messew id-distretti. Il-Partit Laburista kien tilef kawża kostituzzjonali fuq din il-materja, li fis-sentenza kien ingħad li l-Gvern għandu kull dritt li jiżgura li jerġa' jiġi elett. Id-Distretti kienu gew imbagħbsa wkoll mill-amministrazzjoni Nazzjonalista tal-1987, qabel l-elezzjoni ta' 1992. Għalhekk jekk nakkużaw lill xi ħadd b'Gerrymandering għandna nakkużaw lil kulħadd, jew ma nakkuzaw lil ħadd.

Il-perversitá tar-riżultati milħuqa f'elezzjonijiet ġenerali ġejjin mill-fatt li din is-sistema li taħdem perfettament fil-pajjiżi nordiċi ma taqbilx mat-temperament Mediterranju minħabba fatturi li aħna ma naslux biex nivvutaw għall-lista kollha b'ordni ta' preferenza kif irridu, imma nieqfu meta nkunu vvutajna għall-kandidati tal-partit preferit minna. Meta suppost tivvota għal kull kandidat li hemm fuq il-karta, jekk hemm 30 trid tivvota mill-1 sa' 30, imma fil-fatt ħadd ma jagħmel hekk.

Huwa dan li jagħti riżultat pervers għaliex ħafna voti jinħlew. Din is-sistema trid titbiddel għaliex bl-emendi li saru saret aktar perversa u anti demokratika fil-konfront tal-Partiti żgħar, għaliex dawn m'għandhomx iċ-ċans li jeleġġu deputat jekk ma jkollhomx 17% fuq livell Nazzjonali.

Lura għad-demokrazija, l-istess jista' jingħad għan-Newtralitá. Sabiex tkun tista' tiġi mneħħija mill-kostituzzjoni jrid ikun hemm żewġ terzi tal-kamra u mhux għaliex sempliċiment jissuġġerilna l-Ambaxxatur ta' potenza mperjalista bħalma hi l-Istati Uniti.

Il-fatt li Dom Mintoff żar il-kwartieri tal-Partit Laburista li huwa stess kien leader tiegħu m'għandux jitqies bħala xi ħaġa ta' barra minn hawn jekk tkellem mal-leader preżenti dwar in-newtralitá ta' Malta. Ma kien hemm xejn x'wieħed jallarma ruħu fuqha, fuq kollox għandu kull dritt speċjalment meta kien huwa l-oriġina u fassal in-Newtralitá ta' Malta.

Nerġa' ntenni li n-Newtralitá ta' Malta m'għandha x'taqsam xejn mall-prezz li Malta kellha tħallas għad-demokrazija, imma ġiet imdaħħla fil-kostituzzjoni b'mezzi demokratiċi, għaliex il-membri parlamentari Nazzjonalisti kellhom l-għażla. Għalhekk nemmen li n-Newtralitá ta' Malta m'għandhiex tkun mittiefsa sakemm ma jkunx hemm maġġoranza ta' żewġ terzi favur li titneħħa. In-Newtralitá ta' Malta ma ġietx a skapitu tad-demokrazija kif irid jimplika Austin Bencini fl-Artikolu tiegħu fit-TOM ta' nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru.

# Understanding Change

**by David Carabott**

In the Maltese islands we are nowadays living in a complex and heterogeneous society. Single parents are becoming more common, separated couples are something ordinary rather than "out of the ordinary", and the model of the nuclear (traditional) family is no longer the only type of family unit in Malta. The middle class family is struggling to make ends meet, the majority of the today's generation is 'secular,' having little interest in anything that is political (except for election fever), and, sadly, the woman's role in society remains marginal at best.

Since when I was a teenager; I have witnessed an increase in the modification of the family structure. The move, from the conventional or traditional family to 'new' types of families, gradually changes the status quo. There is also an increase in the number of people opting for a civil marriage rather than a religious one. Civil marriage was introduced in Malta by the then Prime Minister Dom Mintoff in 1975.

Some of the main reasons why couples cohabitate in Malta are either to alleviate the financial burden of every day life or do it out of necessity, since divorce does not yet exist. Gradually and slowly the people's mentality is changing, and those who opt to cohabitate or who prefer "to tie the knot through civil means instead of the usual religious matrimony" are no longer seen as' sinners'.

Same sex partnerships are another form of cohabitation that has seen a rise. Until the 1970's, homosexuality was considered a crime. Under Dom Mintoff, consensual sex between members of the same sex has been decriminalized. However, same-sex couples who live together and wish to get married to achieve marital rights have to go abroad to do so as this is still not yet a recognized partnership in Malta. Even though these couples manage to obtain a civil marriage abroad, once living in Malta they are not recognized and, therefore, do not receive the same benefits as the heterosexual married couples do.

When compared to other European countries, we are still "behind the times". Even though we are in the 21st century our authorities are refusing to acknowledge 'other' types of families by law, such as same sex couples or heterosexual couples. Change in Malta is extremely slow and, as a consequence, many people suffer from discrimination and are not tolerated because they are considered "different" or "deviant". To be honest, I do not believe that this is the appropriate way to 'behave' in a democratic society. Because of these attitudes towards those who are different, frustration and apprehension are felt and seen among the people.

An interesting fact about marriages in Malta is that, in the 1980's, many Maltese women were marrying North Africans. Some of these men became engaged and married to Maltese women just for the sake of obtaining a Maltese (European) passport. To control the situation, the government of Malta introduced a clause that a passport or an Identity card issued to a foreign person married to another of Maltese nationality should be given only after five years of marriage. Since many countries in Europe/World do this do you think that the five year wait is wrong and deprives people of their human rights?

Nowadays, families are growing at a much smaller pace than ever before. Members of a family could be of different gender, race, sex, sexuality, and age. Women should be seen as no longer dependent on men to keep a family, same-sex couples around the globe are gradually being accepted by law, people of different races are marrying each other, and single-parents and teenage mothers are becoming the norm. Social cohesion, whereby people of different backgrounds and economic statuses live and function together, is at last taking place in Malta.

All of these types of people and families make humanity more diverse. With all this diversity acceptance and tolerance will come natural for future generations. Diversity is becoming a way of life – so let's celebrate!

# Il-Faqar Realtá għal Kulħadd

**Marie Anne Zammit**

L-Unjoni Ewropeja kif tagħmel kull sena tniedi tema soċjali, kulturali u oħrajn biex titqajjem kuxjenza fuq kull ċittadin fis-soċjetá. It-tema magħżula għal din is-sena 2010, tiffoka fuq il-problema tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Iżda, bilkemm, laħqet bdiet is-sena li ma smajniex b'terremot qawwi f'Haiti u rajna b'għajnejna stess il-konsegwenzi ta' diżastri naturali u l-faqar u t-tiġrib li jġibu magħhom. Il-faqar kull ma jmur aktar qiegħed jiżdied, mhux biss f'pajjiżi li mhumiex żviluppati fejn ma' hemmx ilma u proporzjon ta' ikel, iżda anke f'pajjiżi Ewropej.

Madwar 17% taċ-ċittadini Ewropej għandhom riżorsi limitati u lanqas jaffordjaw li jkollhom dak li aħna nikkunsidraw bħala bażiku.

L-ewwel inizjattiva biex jiġi meqrud il-ġuħ u l-faqar ittieħdet mill-Ġnus Magħquda bid-dikjarazzjoni tal-Millenium li ġiet adottata minn 189 stat u ffirmata minn 147 kapijiet ta' stat u gvernijiet waqt summit kontra l-faqar f' Settembru 2000. Il-miri kienu tmienja bil-għan li jintlaħqu sas-sena 2015.

Fil-kuntest tal-faqar, il-miri huma; li jitnaqqas bin-nofs il-proporzjon tal-livell ta' nies li jgħixu b'anqas flus; li jiġu maħluq impjieg sħiħ u diċenti għal kulħadd li jinkludi wkoll nisa u żgħażagħ; li titnaqqas bin-nofs il-proporzjon tan-nies li jbatu mill-ġuħ b'mod partikulari għal tfal taħt il-ħames snin.

Il-faqar fil-pajjiżi Ewropej mhuwiex allarmanti daqs pajjiżi oħra li qegħdin jiżviluppaw iżda xorta huwa nkwetanti. Din is-sena Ewropeja dedikata għall-*Faqar u l-Esklużjoni Soċjali* trid tilħaq erba miri objettivi li huma; li tagħraf id-drittijiet ta' dawk li qed iġarrbu l-faqar u biex ikunu inklużi fis-socjeta b'parteċipazzjoni assoluta; li tinqasam ir-responsabbilta u li jsir sforz kollettiv fil-għlieda kontra l-faqar; li jkun hemm aktar inklużjoni soċjali għall-membri kollha tas-soċjeta b'aċċenn sħiħ fuq il-vantaġġi li ġġib magħha l-eliminazzjoni tal-faqar u aktar inklużjoni soċjali ta' kull ċittadin; li jittieħdu azzjonijiet konkreti biex jinqered il-faqar flimkien ma aktar involviment qawwi mill-politiċi.

Minn stħarriġ li sar mill-*European Commissions' Directorate General (DG) for Employment, Social Affairs and Equality,* li sar bejn 28 ta' Awissu u 17 ta' Settembru 2009, irriżulta li madwar 16% mill-popolazzjoni ġewwa l-pajjiżi fi ħdan l-Unjoni Ewropeja jinsabu f'riskju li jaqgħu fil-livell ta' faqar.

L-istess stħarriġ jindika li l-Ewropej jqisu l-faqar fuq żewġ binarji, dak personali u dak soċjali. Dawn il-fatturi huma; pagi mhux suffiċjenti, ammont baxx ta' benefiċċji soċjali u kif ukoll prezzijiet għoljin li wieħed irid iħallas għall-propjeta.

Mill-istess stħarriġ li tnieda, ħafna ċittadini Ewropej jqisu l-prezzijiet esaġerati li jkollhom iħallsu għal akkom-odazzjoni bħala fattur predominanti li qed iwassal għall-faqar fuq bażi personali.

L-istess jaħsbu ċittadini fir-Repubblika Ceka u Ċipru fejn din il-fehma hi komuni b'ċifri li jlaħħqu 89% waqt li f'Malta u Lussemburgu ċ-ċifri jlaħħqu 86% waqt li Slovakkja ċ-ċifri jlaħħqu sa 84%.

Fl-Ewropa l-aktar kategoriji ta' nies li jinsabu f'riskju huma dawk il-persuni mingħajr impjieg; nies b'livell baxx ta' edukazzjoni u *taħriġ;* nies bi problema ta' dipendenza mid-droga u l-alkoħol; ġenituri waħedhom; persuni bi problemi ta' saħħa mentali; nisa, tfal u persuni li ġejjin mill-gruppi magħrufa bħala Roma.

Finalment, din hija sitwazzjoni serja u tinħtieġ aktar sforz mill-istituzzjonijiet relatati w'aktar rieda politika mill-kapijiet ta' kull stat. B'hekk wieħed jittama li dawn il-miri mill-Unjoni Ewropeja u mill-Ġnus Magħquda jintlaħqu u b'hekk jiġi eliminat il-faqar u tiżdied aktar l-inklużjoni soċjali.

Referenzi;

*Euro Barometer Survey on Poverty and Social Exclusion.*

*European Commission for Employment, Social Affairs and Equal Opportunities and Social Exclusion.*

*United Nations Development Program-Millenium Development Goals.*

# Ix-xellug huwa l-vuċi tal-popli

Kull min għandu għal qalbu l-problemi tal-ġustizzja soċjali u ekoloġiċi postu huwa fix-xellug. Ix-xellug irid ikun il-vuċi tal-popli favur il-ġustizzja soċjali u jrid ifassal tweġibiet għall-kriżi kapitalista.

Dan qalu Andreas Gunther li huwa uffiċjal tad-Dipartiment internazzjonali tal-partit Ġermaniż Die Linke (Ix-Xellug) u assistant taċ-ċermen tal-partit, Lothar Bisky. Huwa kien Malta u ltaqa' mat-tmexxija ta' l-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug.

Gunther spjega kif inħoloq il-Linke. Wara l-għaqda mill-ġdid tal-Ġermanja, il-partit li kien dominanti fil-Ġermanja tal-Lvant warrab ir-rabtiet "Stalinisti" u nbidel fil-PDS, il-Partit Soċjalista Demokratiku li kellu appoġġ tajjeb fl-elezzjonijiet fil-'lande' li jifformaw il-lvant tal-Ġermanja.

Sadanittant gvern tas-Soċjal Demokratiċi u l-Ħodor ppropona l-Aġenda 2010, aġenda neo-liberali li kellha twassal, u wasslet, għal tnaqqis serju fil-benefiċċji u d-drittijiet miksuba mill-klassi tal-ħaddiema. Din il-politika wasslet biex ħafna membri tal-Partit Soċjal Demokratiku, fosthom il-politiku magħruf Oscar LaFontaine, jitilquh u ffurmaw partit ġdid.

Bdew isiru alleanzi u nħoloq il-WASG, il-moviment laburista u soċjalista għal alternattiva elettorali. Irrealizzaw li bil-xellug mifrud ma setgħax isir progress



(mix-xellug) V. Degiovanni, Segretarju Żminijietna, Andreas Gunther u Ch. Vella, uffiċjal tal-GWU, waqt iż-żjara fil-Workers' Memorial Building

u fl-2007 ġie ffurmat partit ġdid bejn il-WASG u l-PDS bi programm ta' qbil fuq punti komuni fil-waqt li punti oħra tħallew għal aktar diskussjoni. Die Linke għadu qiegħed jiżviluppa, qiegħed ikompli jżied il-membri fil-parlamenti tal-Lande u saħħaħ sew il-vot nazzjonali.

Ġie miftiehem perjodu ta' transizzjoni sa l-2010 b'Oscar LaFontaine u Lothar Bisky bħala ko-ċermen. (Dan l-aħħar tħabbar li LaFontaine kien se jirtira mill-politika minħabba raġunijiet ta' saħħa).

Gunther qal li l-gvernijiet Ġermaniżi komplew l-assalt tagħhom fuq il-kisbiet tal-ħaddiema, fosthom il-pensjoni. Sadanittant faqqgħet il-kriżi tal-kapitaliżmu imma minħabba raġunijiet fifferenti x-xellug fl-Ewropa kollha m'għarafx jieħu vantaġġ mill-kriżi.

"Ma kellniex mudell fuqhiex nimxu. Kienu meħtieġa tweġibiet ġodda li ma tfasslux. Ix-xellug għaraf jistaqsi l-mistoqsijiet meħtieġa imma ma kienx jaf jipprovdi t-tweġibiet.

"Imma n-nies iridu vuċi biex tiddefendi l-ġustizzja soċjali. Jekk is-Soċjal Demokratiċi jmorru lura lejn l-għeruq tagħhom jistgħu ikunu din il-vuċi imma għadhom jappoġġaw in-neo-liberaliżmu. Il-Ħodor kienu radikali imma warrbu l-pożizzjoni tagħhom kontra l-gwerra u saru aktar partit tal-klassi medja, partit borgiż taċ-ċentru xellug.

"Persuni li għandhom għal qalbhom il-problemi soċjali u ekoloġiċi għandhom posthom fix-xellug. Ix-xellug irid isib alternattivi u jikkonvinċi lis-soċjetá. Jekk in-nies iħossu li x-xellug jista' jagħmel xi ħaġa għalihom, jappoġġawh", qal Gunther.

Huwa qal li l-Unjoni Ewropea bit-Trattat ta' Lisbona saħħet in-neo-liberaliżmu u se timmilitarizza l-Ewropa b'armata komuni. Imma l-UE għandha wkoll punti pożittivi, speċjalment bl-għoti ta' aktar poteri lill-Parlament. U x-xellug għandu jagħraf jagħmel użu minn dawn il-poteri fl-interess tal-popli.

## Xellug magħqud

Ikompli minn paġna 1

*u gruppijiet soċjali qed jinsew id-differenza fl-ideoloġija u jingħaqdu flimkien bi programm ċar għall-elettorat. Il-ħsieb ta' Aleande fejn jgħid li "Xellug magħqud qatt ma jitlef" qed jitwettaq fil-realta.*

*F'Malta il-Partit Laburista qabad ukoll it-triq li tgħaqqad il-movimenti tal-progressivi u l-moderati. Nara l-Partit Laburista bħala partit li qed jimxi wara l-passi ta' Zapatero ta' Spanja. Partit Laburista ta' Spanja kien irnexxielu jgħaqqad numru ta' minoranzi u nies b'tendenzi liberali u ċentru xellugin flimkien.*

*Filfatt din l-istrateġija lil Zapatero tagħtu suċċessi kbar għax irnexxilu jirbah dawn l-aħħar żewġ elezzjonijiet. Għalkemm illum jidher li għandu diversi problemi ekonomiċi. Għandu lkoll il-problema li bħala partit u simileri ħafna għall-partit konservattiv fuq politika ekonomika u allura ma' jappellax għax-xellug soċjalista.*

*Il-Partit Laburista Malti qed jimbarka f'din it-triq bħala strateġija u għandu ċans kbir li joħrog rebbieħ. Il-problema li nara hi li l-ewwelnett għandu element kbir konservattiv u li bl-inklużjoni ta' nies bi twemmin ċentru lemini ser jitlef nies bi prinċipji soċjalisti xellugin, bħal mhu qed jigri f'diversi pajjiżi Ewropej, bl-eżempji li semmejt iktar qabel. Jaf f'Malta ukoll qed jinħoloq dan il-vojt li għad jissarraf f'partit bi prinċipji soċjalisti xellugin li jgħaqqad dawk in-nies li jemmnu f'dan it-twemmin, li jkollu programm ċar u dirett u li jkun ta' theddida għall-forzi neoliberali li llum infiltraw fiz-żewġ partiti l-kbar.*

# Ninvestu f'soluzzjonijiet għal bidla fil-klima

Nhar is-Sibt 30 ta' Jannar, l- Għaqda Friends of the Earth Malta tellgħat Forum bl-isem ta' ***'Investing in climate solutions'*** ġewwa l-bini ta' GWU. Għal dan il-forum ipparteċipaw numru sabiħ ta' kelliema mill-qasam tas-saħħa, ta' temp, enerġija, unjins u edukazzjoni quddiem udjenza magħmula minn għaqdiet non-governattivi, studenti, għalliema u ħaddiema.

Il-punti ta' nteress li ħarġu mid-diskussjoni jagħtu stampa ċara ta' realtá u l-bidliet li qed iseħħu fil-klima. Fil-fatt Dr Charles Galdes mill-Meteological Office ta' Ħal Luqa kkonferma li temperatura f'Malta f'dan l-aħħhar 30 sena żdiedet b'1 *degree celcius*. L-għola temperatura ġiet rreġistrata f'Awissu ta' l-1999 bi 43.8 celcius u l-inqas f'Jannar ta' 1981 bi 1.4 celcius.

Mill-informazzjoni miġbura jirriżulta li n-numru ta' ġranet ta' xita qed jonqos drastikament, imma qed jiżdied il-fenomenu li jissejjaħ *'torrential rain'- meta xita tagħmel bil-kwantitá f'qasir ta' ħin jew sigħat.* Semma wkoll li varjazzjoni fil-klima għadha *'within the line'*, li jfisser li għadna fil-ħin biex ssir xi ħaġa

Issemma' wkoll il-qasam ta' *'green jobs'*, fejn Victor Carachi, President tal-GWU qal li l-investiment fil-green jobs u f'ħolqien ta' ko-operattivi jista' jissarraf f'ħolqien ta' xogħol diċenti, b'sigurtá u bi drittijiet u prospetti ta' karriera. Il-qasam ta' l-ambjent f'Malta jħaddem 3% tal-ħaddiema u jikkontribwixxi għal 2% ta' GDP. Jeħtieg imma li l-ħaddiema jiġu ttrenjati sabiex jkunu preparati għal din il-bidla fil-qasam tax-xogħol li sa' llum l-industrija lokali u l-ekonomija tagħna tiddependi 100% mill-*'fossil fuels'*.

Charles Pace mill-qasam ta' l-edukazzjoni ta rendikont ta' studju li ħejja fost l-istudenti ta' livell primarju u sekondarju li jirriżulta li l-maġġoranza ta' l-istudenti huma konxji dwar il-bidla fil-klima. Ħareġ ukoll li l-iskejjel, il-midja u l-familja huma sors ewlieni ta' nformazzjoni. Ħareġ ukoll li studenti jattribwixxu dan il-fenomenu ta' bidla fil-klima l-aktar ma' l-id tal-bniedem fosthom is-settur tal-kumpaniji, d-deforestazzjoni u ma' fenomeni naturali. L-aktar li qed jinkwiethom huwa dewbien ta' '*ice polar caps*' u żieda fl-ilma baħar. Kif ukoll l-maġġoranza ta' l-istudenti jemmnu li tinħtieġ bidla fl-istil tal-ħajja li ngħixu.

Roberto Debono, tabib, attiv fl-għaqda 'saħħa ambjent' u rappreżentant fil-kumitat għall-bidla fil-klima qal li l-emissjonijiet fl-arja f'Malta jaffettwa wkoll globalment u li ż-żieda fi sħana qed taċċellera t-tniġġiż fl-arja. Il-bidla fil-klima ser taffettwa l-aktar lix-xjuħ, il-fqar, it-tfal u dawk li jbatu b'mard respiratorju. Fi Franza s-sħana kkawżat mewt fost il-ġenerazzjoni anzjana.

F'Malta l-umditá fid-djar u l-inkwinament qed jikkawżaw mard respiratorji,'*sensitive respiratory diseases'*. Qed jirriżultaw aktar kazi ta' salmonella. Riċenti giet skoperta f'Malta '*it-tiger mosquito'* li meta tigdmek ittellgħalek d-deni. Fl-Ewropa ġiet skoperta l-ewwel fl-2007 ġewwa Ravenna l-Italja. In-nemusa hi waħda li tgħix f'pajjiżi tropikali.

L-inġinier Norbert N.Farrugia ta' l-'*Institute for Sustainable Energy'* ta' l-Universitá qal li r-riħ huwa risorza naturali, b'xejn, mhux ta' periklu u ma għandux konfini, huwa sors alternattiv



u jipproteġik mid-dipendenza totali ta' 'fossil fuels', joħloq teknoloġiji futuri, xogħol u huwa riżorsa sostenibbli. Mid-data miġbura bejn 1973 u 2009 ġewwa Luqa Meteo Office jirriżulta li fix-xitwa *'wind speeds'* huma għolja, filwaqt li fis-sajf huma baxxi. Semma ukoll li fil-preżent għaddejjien studji fi tramuntana ta' Malta fuq '*wind speeds*' f'Wied Rini u l-aħrax tal-Mellieħa. Intgħazel tramuntana minħabba 'ridge terrain', ir-riħ ta' tramuntana u l-akwata hi wahda miftuħa.

Profs Edward Mallia argumenta li l-proposta ta' 24 windfarms ġewwa Wied Rini huma ħafna għall-ispazju disponibbli. Filwaqt li bħala offshore jqies li l-installazzjoni ta' 750kw huwa ftit wisq. Semma wkoll li Qbajjar sa San Blas jista' jkun post ideali għal studju u nstallazzjoni ta' wind farms. Minn studju ta' 2006, li ħejja Profs Edward Mallia u Mario Fsadni, l-medja ta' 'wind speed' f'dawk l-inħawi kienet ta' 5.2. Saħaq li dan il-post jista' jiggarantixxi alternattiva f'kaz li l-proposti l-oħra jfallu u sabiex nilħqu l-mira Ewropea ta' l-2020. Għalaq billi semma li l-ispiza ta' '*turbina tar-riħ'* tqum daqs kemm ġiet tiswa l-pubbliku karozza antika ta' tal-linja.

Bħala soluzzjonijiet issemmew diversi fosthom użu aktar ta' trasport pubbliku, deċizjonijiet favur il-ġid komuni, aktar parteċipazzjoni mill-individwu fis-soċjetá, ix-xandir nazzjonali għandu jservi ta' edukazzjoni, l-inċenerazzjoni ma għandhiex tkun is-soluzzjoni għall-iskart, investiment aktar mill-Gvern favur l-ambjent u tnaqqis fil-konsum tal-laħam. Riforma fl-edukazzjoni li tipprepara l-istudent għal għarfien fi 'green technologies'.

Tnaqqis ta' fertilizzanti fl-agrikoltura u sostenibilitá ta' l-ilma tal-pjan. Aktar data sabiex l-informazzjoni miġbura tgħinna biex nsibu soluzzjonijiet ġodda li jħarsu sostenibilitá, il-ġustizzja soċjali u l-prinċipju ta' minn iħammeġ iħallas. Tkellmu favur konsultazzjoni miftuħa u appoġġ lil għaqdiet non governattivi tax-xogħol li qed jagħmlu.